



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0056/2013

28.2.2013

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) (COM(2010)0521 – C7-0302/2010 – 2010/0275(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur Giles Chichester

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	102
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS	106
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	119
PROĊEDURA.....	135

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)
(COM(2010)0521 – C7-0302/2010 – 2010/0275(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0521),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0302/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Frar 2011¹,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-XX Xxxx 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni jiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0056/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

¹ ĠU C 107, 6.4.2011, p.58.

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir

PE-CONS Nru/YY - 2010/0275(COD)

REGOLAMENT (UE) NRU .../2013

TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'...

**Dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni
(ENISA)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Wara t-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

huwa indikat permezz tas-simbolu **■** .

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (1) Il-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi huma fattur essenzjali, ***kemm direttament u indirettament***, fl-iżvilupp ekonomiku u tas-soċjetà. Dawn għandhom irwol vitali għas-soċjetà u saru ***minnhom infushom*** servizzi li ssibhom kullimkien bl-istess mod bħalma huma l-provvisti tad-dawl u l-ilma, ***u jikkostitwixxu wkoll fatturi essenzjali fil-provvista tal-elettriku, l-ilma u servizzi essenzjali oħrajn. In-netwerks ta' komunikazzjoni jiffunzjonaw bħala katalisti soċjali u tal-innovazzjoni, billi jimmultiplikaw l-impatt tat-teknoloġija u jsawru l-imġiba tal-konsumatur, ta' mudelli kummerċjali, industriji, kif ukoll il-partekipazzjoni taċ-ċittadinanza u dik politika.*** L-interruzzjoni tagħhom għandha l-potenzjal li tikkawża dannu ***fiżiku, soċjali, u ekonomiku*** konsiderevoli, u din tenfasizza l-importanza tal-miżuri biex tiżdied il-protezzjoni u r-reżistenza bl-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi kritiċi. Is-sigurtà tal-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi, b' mod partikolari l-integrità, d-disponibbiltà ***u l-kunfidenzjalità*** tagħhom, qed tiffaċċja sfidi li qed jespandu kontinwament ***li huma marbutin inter alia mal-komponenti individwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-software li jikkontrolla dawk il-komponenti, l-infrastruttura ġenerali u s-servizzi pprovduti permezz ta' dik l-infrastruttura.*** Dan huwa ta' tħassib dejjem akbar għas-soċjetà mhux l-inqas minħabba l-possibbiltà ta' problemi dovuti għall-kumplessità tas-sistema, ***ħsarat, fallimenti sistemiċi***, l-inċidenti, l-iżbalji u l-attakki li jista' jkollhom konsegwenzi fuq l-infrastruttura ***elettronika u*** fiżika li tipprovdi servizzi li huma kritiċi għall-benesseri taċ-ċittadini Ewropej.

- (2) Ix-xenarju tat-theddida qiegħed jinbidel kontinwament u inċidenti tas-sigurtà jistgħu jipperikolaw il-fiduċja ***li għandhom l-utenti fit-teknoloġija, in-netwerks u s-servizzi, u b'hekk jaffettwaw il-kapaċità tagħhom li jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tas-suq intern u l-użu ġenerali tal-ICT.***
- (3) Għaldaqstant, għal dawk li jfasslu l-politiki, l-industrija u l-utenti, huwa importanti li ssir valutazzjoni regolari tal-istat tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, ibbażata fuq dejta Ewropea affidabbli, ***kif ukoll previżjoni sistematika ta' żviluppi, sfidi u theddid futuri kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell globali.***

- (4) Ir-rappreżentattivi tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill Ewropew fit-13 ta' Diċembru 2003, iddeċidew li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) li kellha tiġi stabbilita abbażi tal-proposta mressqa mill-Kummissjoni, għandu jkollha s-sede tagħha f'raħal fil-Greċja li għandu jiġi ddeterminat mill-Gvern Grieg. ***B'segwitu ta' dik id-deċiżjoni (2004/97/KE¹), il-Gvern Grieg iddetermina li l-ENISA għandu jkollha s-sede tagħha f'Heraklion, fi Kreta.***
- (4a) ***Fl-1 ta' April 2005, intlaħaq Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali ("Ftehim dwar is-Sede") bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru Ospitanti.***

¹ ***2004/97/KE, Euratom: Deċiżjoni meħuda bi ftehim komuni minn rappreżentanti tal-Istati Membri, li ltaqgħu f'livell ta' kap ta' Stat jew ta' Gvern, fit-13 ta' Diċembru 2003 dwar il-lok tas-sedji ta' ċerti uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 29, 3.2.2004, p. 15).***

- (4b) *L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija għandu jiżgura l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għal ħidma effiċjenti u bla xkiel tal-Aġenzija. Hu essenzjali għat-twettiq xieraq u effiċjenti tal-kompiti tagħha, għar-reklutaġġ u ż-żamma tal-persunal u biex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-attivitajiet tan-netwerking, li l-Aġenzija tkun ibbażata f'post xieraq, li fost affarijiet oħra jipprovdi konnessjonijiet u faċilitajiet ta' trasport adegwati għall-konjuġi u t-tfal. L-arranġamenti neċessarji għandhom jiġu elenkati fil-ftehim bejn l-Aġenzija u dak l-Istat Membru li għandu jiġi konkluż wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija.*
- (4c) *Għalhekk, sabiex titjeb il-ħidma operattiva tal-aġenzija, l-Aġenzija stabilixxiet uffiċċju fiż-żona metropolitana ta' Ateni, li għandu jinżamm bil-ftehim u bl-appoġġ tal-Istat Membru ospitanti, u fejn se jkun lokalizzat il-persunal operattiv tal-Aġenzija. Il-persunal li hu primarjament involut fl-amministrazzjoni tal-Aġenzija (inkluż id-Direttur Eżekuttiv), il-finanzi, riċerka speċjalizzata u analiżi, IT u ġestjoni tal-faċilitajiet, riżorsi umani, taħriġ, u komunikazzjoni u affarijiet pubbliċi, għandu jkun ibbażat f'Heraklion.*

- (4d) *L-Aġenzija għandha d-dritt li tiddeċiedi l-organizzazzjoni tagħha sabiex tiżgura l-prestazzjoni xierqa u effiċjenti tal-kompiti tagħha, fiwaqt li tirrispetta d-dispożizzjonijiet dwar is-sede u l-uffiċċju ta' Atena kif stipulat f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, sabiex tkun tista' twettaq daww il-kompiti li jinvolvu l-interazzjoni ma' parteċipanti interessati ewlenin bħall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha twettaq arranġamenti prattiċi biex issaħħaħ din l-effiċjenza operattiva.*
- (5) Fl-2004 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 460/2004¹ li jistabbilixxi l-ENISA bl-iskop li tikkontribwixxi għall-għanijiet li jiġi żgurat livell għoli u effettiv tan-netwerks u s-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni, u biex tiġi żviluppata kultura ta' sigurtà tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-konsumaturi, tal-impriżi u tal-amministrazzjonijiet tas-settur pubbliku. Fl-2008, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008² li estenda l-mandat tal-Aġenzija sa Marzu 2012. *Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (KE) Nru 580/2011 tat-8 ta' Ġunju 2011, li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni f'dak li jirrigwarda l-perijodu effettiv*³ *jestendi l-mandat tal-Aġenzija sat-13 ta' Settembru 2013.*

1 Ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ĠU L 077, 13.3.2004, p. 1)

2 Ir-Regolament (KE) Nru 1007/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni f'dak li jirrigwarda t-tul ta' żmien tagħha (ĠU L 293, 31.10.2008, p.1).

³ *ĠU L 165, 24.6.2011, p. 3.*

- (6) Minn mindu twaqqfet ***l-ENISA***, l-isfidi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni nbidlu flimkien mat-teknoloġija, mas-suq u mal-iżviluppi soċjoekonomiċi, u kienu s-suġġett ta' aktar riflessjoni u dibattitu. Bi tweġiba għall-isfidi li qed jinbidlu, l-Unjoni aġġornat il-prijoritajiet tagħha għall-politika dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni f'għadd ta' dokumenti, inkluża l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2006 Strateġija għal Soċjetà tal-Informazzjoni Sigura – Djalogu, sħubija u awtorizzazzjoni, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-2007 dwar Strateġija għal Soċjetà tal-Informazzjoni Sigura fl-Ewropa, il-Komunikazzjoni tal-2009 Protezzjoni tal-Infrastruttura ta' Informazzjoni Kritika - "Inħarsu l-Ewropa minn attakki u tfixkil ċibernetiċi fuq skala kbira: it-titjib tat-tnejn, is-sigurtà u r-reżistenza", il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Konferenza Ministerjali dwar il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni (CIIP) ***tal-2009 f'Tallinn***, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-2009 dwar approċċ Ewropew kollaborattiv tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni, ***l-Istqarrija tal-Presidenza tal-2011 wara l-Konferenza Ministerjali dwar is-CIIP f'Balatonfüred u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2011 dwar il-Protezzjoni tal-Infrastruttura ta' Informazzjoni Kritika "Kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà dinjija"***.¹

¹ **Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-27 ta' Mejju 2011, dok. 10299/11.**

L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa¹ għarfet il-ħtieġa li l-Aġenzija tiġi modernizzata ■ . Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-Broadband Ewropew: investiment fi tkabbir ekonomiku mmexxi diġitalment², tenfasizza aktar l-importanza tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. Din il-proposta għandha l-għan li l-Aġenzija tiġi msaħħa biex tikkontribwixxi b'suċċess għall-isforzi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri biex dawn jiżviluppaw kapaċità Ewropea li tilqa' l-isfidi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. ■ (6a) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat u adotta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Diċembru 2010³,

¹ COM(2010)245, 19.5.2010.

² *Testi adottati, P7_TA(2011)0322.*

³ *ĠU C 101, 1.4.2011, p.20.*

- (7) Il-miżuri tas-suq intern fil-qasam tas-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika, u b'mod aktar ġenerali, is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni jeħtieġu forom differenti ta' applikazzjonijiet tekniċi u organizzattivi mill-Istati Membri u ***l-istituzzjonijiet tal-Unjoni***. L-applikazzjoni eteroġena ta' dawn ir-rekwiżiti tista' twassal għal ineffiċjenzi u tista' toħloq ostakli fis-suq intern. Dan jitlob għal ċentru ta' kompetenza esperta f'livell Ewropew li jipprovdi gwida, konsulenza u **■** assistenza dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, li fuqu jkunu jistgħu jiddependu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ***tal-Unjoni***. L-Aġenzija tista' tilqa' għal dawn il-ħtiġijiet billi tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' kompetenza esperta u tgħin lill-Istati Membri, ***lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni*** u lill-komunità kummerċjali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u regolatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, ***u jiddeterminaw u jindirizzaw il-kwistjonijiet tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni***, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

- (8) L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti mogħtija lilha **■ bil-leġiżlazzjoni** tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika, u b' mod ġenerali, tikkontribwixxi għal livell imtejjeb tas-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika ***kif ukoll tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali***, billi, fost oħrajn, tipprovdi kompetenza esperta u konsulenza, u tippromwovi l-iskambju ta' prassi tajba, ***u billi toffri suġġerimenti dwar il-politika***.
- (9) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għal netwerks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva Qafas)¹ tesiġi **■** li l-fornituri ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament jieħdu l-miżuri xierqa biex jissalvagwardjaw l-integrità u s-sigurtà tagħhom u **■ *tintroduċi l-obbligu għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, fejn adatt, biex jinfurmaw inter alia lill-Aġenzija dwar ksur fis-sigurtà u telf tal-integrità li kellu impatt sinifikanti fuq l-operat tan-netwerks jew tas-servizzi u biex jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija rapport sommarju annwali dwar in-notifikazzjonijiet riċevuti u l-azzjoni meħuda***. Id-Direttiva 2002/21/KE tagħmel sejħa wkoll biex l-Aġenzija tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa tas-sigurtà billi tipprovdi opinjonijiet.

¹ ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

(10) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)¹ tesiġi li fornitur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament jieħu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jissalvagwardja s-sigurtà tas-servizzi tiegħu u tesiġi wkoll li jkun hemm kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u d-data tat-traffiku relatata. Id-Direttiva 2002/58/KE tintroduċi informazzjoni dwar vjolazzjoni tad-data personali u rekwiżiti ta' notifikazzjoni għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Tirrikjedi wkoll li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Aġenzija dwar kull miżura ta' implimentazzjoni teknika li għandha tiġi adottata fil-każ taċ-ċirkostanzi jew il-format, u l-proċeduri applikabbli fil-każ tar-rekwiżiti tal-informazzjoni u n-notifikazzjoni. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta² teħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu provvedimenti li jobbliga lill-kontrollur li jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex iħares id-dejta personali mill-qerda aċċidentali jew illegali, jew minn telf aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni ta' dejta permezz ta' netwerk, u kontra kull forma illegali ta' pproċessar.

¹ ĠUL 201, 31.7.2002, p. 37.

² ĠUL 281, 23.11.1995, p. 31.

- (11) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni, ***għal protezzjoni aħjar tal-privatezza u d-dejta personali***, u għall-iżvilupp ***u l-promozzjoni*** ta' kultura ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-konsumaturi, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. ***F'dan ir-rigward, għandhom jiġu allokat i-fondi baġitarji meħtieġa lill-Aġenzija.***
- (11a) ***B'kunsiderazzjoni tas-sinifikat dejjem akbar tan-netwerks elettroniċi u tal-komunikazzjonijiet, li issa jiffurmaw is-sinla tal-ekonomija Ewropea, u d-daqs attwali tal-ekonomija diġitali, għandu jkun hemm żieda fir-riżorsi finanzjarji u umani allokat i lill-Aġenzija, li tikkorrispondi mar-rwol u l-kompiti msaħħa tagħha, u l-pożizzjoni kruċjali tagħha fid-difiża tal-ekosistema diġitali Ewropea.***

(11b) L-Aġenzija għandha topera bħala punt ta' referenza u tistabbilixxi fiduċja **u kunfidenza** permezz tal-indipendenza tagħha, il-kwalità tal-konsulenza li toffri u l-informazzjoni li xxerred, it-trasparenza tal-proċeduri u l-metodi tal-operat tagħha, u r-reqqa tagħha fit-twettiq tal-kompiti mogħtija lilha. L-Aġenzija għandha tibni fuq l-isforzi nazzjonali u tal-Unjoni u għaldaqstant tiżvolġi l-kompiti tagħha b'koperazzjoni sħiħa mal-Istati Membri **u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni**, u tkun miftuħa għall-kuntatti mal-industrija u mal-partijiet interessati l-oħra rilevanti. Barra minn dan, l-Aġenzija għandha tibni fuq l-informazzjoni li tikseb mis-settur privat u fuq il-koperazzjoni miegħu, settur li **għandu** rwol importanti fis-sigurtà tal-komunikazzjoni, fl-infrastruttura u fis-servizzi elettroniċi.

(12) Għandu jkun hemm sett ta' kompiti li juri kif l-Aġenzija għandha tilħaq l-oġettivi tagħha filwaqt li jippermetti flessibilità fl-attivitajiet tagħha. Il-kompiti mwettqa mill-Aġenzija għandhom jinkludu l-ġbir tal-informazzjoni u d-dejta xierqa meħtieġa biex tagħmel analiżi tar-riskji għas-sigurtà u r-reżistenza tal-infrastruttura u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, u biex tevalwa b'koperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni u fejn xieraq mal-partiċipanti interessati rilevanti, l-qagħda tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa. L-Aġenzija għandha tiżgura l-koordinazzjoni mal-Istati Membri u ttejjeb il-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati fl-Ewropa, b'mod partikolari billi tinvolvi fl-attivitajiet tagħha l-korpi nazzjonali kompetenti u tal-Unjoni u esperti mis-settur privat **ta' livell għoli f'oqsma rilevanti, b'mod partikolari fornituri ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, produttori ta' tagħmir għan-netwerks u bejjieġha tas-softwer, b'kunsiderazzjoni li s-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni jinkludu ġbir flimkien ta' hardwer, softwer u servizzi.** L-Aġenzija għandha tipprovdi għajjnuna lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fid-djalogu tagħhom mal-industrija biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mas-sigurtà fi prodotti tal-hardwer u s-softwer, biex b'hekk tikkontribwixxi għal approċċ kollaborattiv tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

- (12a) *Strateġiji ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni ppubblikati minn Stat Membru jew minn istituzzjoni jew korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, għandhom jingħataw lill-Aġenzija għall-informazzjoni tal-Aġenzija u biex ikun evitat l-irduppar ta' sforzi. L-Aġenzija għandha tanalizza l-istrateġiji u tippromwovi l-preżentazzjoni tagħhom f'format li jiffaċilita t-tqabbil. Għandha tagħmel l-istrateġiji u l-analiżi tagħha aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi elettroniċi.*
- (12b) *L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni permezz ta' pariri, opinjonijiet u analiżi dwar il-kwistjonijiet kollha tal-Unjoni relatati mal-iżvilupp tal-politika fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, inklużi s-CIIP u r-reżiljenza. L-Aġenzija għandha wkoll tassisti, fuq talba tagħhom, lill-Istati Membri, fejn xieraq, u lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni stabbiliti permezz tal-liġi tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw politika u kapaċità fir-rigward tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.*

- (12c) *L-Aġenzija għandha tagħmel użu ta' attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u valutazzjoni teknoloġika li qed isiru, b'mod partikolari dawk imwettqa mill-inizjattivi ta' riċerka differenti tal-Unjoni biex tagħti parir lill-Unjoni u, fejn rilevanti, u fuq talba taqgħhom, lill-Istati Membri dwar il-ħtiġijiet tar-riċerka fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.*
- (13) L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u *wkoll* lill-istituzzjonijiet, *korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni* fl-isforzi taqgħhom biex jibnu u jtejbu l-kapaċità u t-tnejjija transkonfinali biex jipprevenu, isibu, u jirrispondu għall-problemi u l-inċidenti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni; f'dan ir-rigward, l-Aġenzija għandha tiffaċilita l-koperazzjoni fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni *u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni*. Għal dan il-għan, l-Aġenzija *għandha tappoġġa* lill-Istati Membri fl-isforzi kontinwi taqgħhom biex itejbu l-kapaċità ta' rispons taqgħhom u biex jorganizzaw u jmexxu eżerċizzji nazzjonali, *fuq talba ta' Stat Membru*, u Ewropej, dwar inċidenti tas-sigurtà.
- █ (18) Sabiex tifhem aħjar l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, l-Aġenzija jeħtieġ li tanalizza r-riskji attwali u emerġenti. Għal dak l-iskop l-Aġenzija għandha, b'koperazzjoni mal-Istati Membri, u jekk ikun xieraq, ma' korpi tal-istatistika *u oħrajn*, tiġbor l-informazzjoni rilevanti. Barra minn dan, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-korpi *tal-Unjoni* fl-isforzi taqgħhom biex jiġbru, janalizzaw u jqassmu dejta dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. *Il-ġbir ta' informazzjoni dwar statistika u dejta adatta meħtieġa biex titwettaq l-analiżi tar-riskji għas-sigurtà u r-reżiljenza tal-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi għandu jsir abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u mill-intwizzjoni tal-Aġenzija għall-infrastruttura tal-ICT tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u d-dispożizzjonijiet nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Abbażi ta' din l-informazzjoni, l-Aġenzija għandha tibqa' konxja dwar l-aktar sitwazzjoni tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni riċenti u t-tendenzi relatati fl-Ewropa għall-benefiċċju tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni.*

- (19) Fit-twettiq ***tal-kompiti tagħha***, l-Aġenzija għandha tiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri ***biex itejbu l-għarfien*** dwar **l-istat** tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni ***fl-Unjoni*** .
- (20) L-Aġenzija għandha tiffaċilita l-koperazzjoni fost ***l-awtoritajiet regolatorji indipendenti*** kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari b'appoġġ għall-iżvilupp, ***il-promozzjoni*** u l-iskambju ta' prassi tajba u ta' standards għal programmi edukattivi u skemi biex titqajjem kuxjenza. Din l-azzjoni tkun iffaċilitata permezz ta' aktar skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. ***L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi biex tkabbar l-għarfien mill-utenti individwali tal-komunikazzjonijiet, infrastruttura u servizzi elettroniċi, inkluż billi tassisti lill-Istati Membri, meta jiddeċiedu li jużaw il-pjattaforma ta' interess pubbliku tagħhom stipulata fl-Artikolu 21(4) tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar is-servizz universali u dwar id-drittijiet tal-utenti fir-rigward tan-netwerks u tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)¹, biex jipproduċu informazzjoni rilevanti ta' interess pubbliku rigward is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u wkoll billi tassisti fl-iżvilupp ta' din it-tip ta' informazzjoni biex tkun inkluża fil-provvista ta' apparat ġdid maħsub għall-użu fuq netwerks ta' komunikazzjoni pubbliċi.*** L-Aġenzija għandha wkoll tappoġġja l-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fil-livell tal-Unjoni, parzjalment permezz tal-promozzjoni tal-qsim ta' informazzjoni, ta' kampanji biex titqajjem kuxjenza u ta' programmi edukattivi u taħriġ.

¹ ***ĠUL 108, 24.4.2002, p. 51.***

- (20a) *L-Aġenzija għandha, inter alia, tassisti lill-istituzzjonijiet rilevanti Ewropej u lill-Istati Membri f'kampanji edukattivi pubbliċi għall-utenti aħħarija, li jkollhom l-għan li jippromwovu imġiba individwali onlajn aktar sikura u li jkabbru l-għarfien dwar it-theddid potenzjali fiċ-ċiberspazju (ċiberkriminalità, attakki ta' phishing, botnets, frodi finanzjarja u bankarja, iżda wkoll awtentifikazzjoni bażika u pariri dwar il-protezzjoni tad-dejta).*
- (20b) *Biex tiżgura li tilħaq b'mod sħiħ l-oġettivi tagħha, l-Aġenzija għandha tikkoordina mal-korpi rilevanti, inklużi dawk li jittrattaw il-kriminalità ċibernetika, bħall-Europol u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta biex ikun hemm skambju ta' għarfien u l-aħjar Prattika u biex tipprovdi pariri dwar aspetti ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni li jista' jkollhom impatt fuq il-ħidma tagħhom bil-għan li jkun hemm sinerġija bejn l-isforzi tagħhom u l-isforzi tal-Aġenzija sabiex tiġi promossa sigurtà avanzata tan-netwerks u l-informazzjoni. Ir-rappreżentanti tal-infurzar tal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni u l-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-privatezza għandhom ikunu eliġibbli li jkunu rappreżentati fil-Grupp tal-Partijiet Interessati Permanenti tal-Aġenzija. Fil-koordinament mal-korpi ta' infurzar tal-liġi dwar aspetti ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni li jista' jkollhom impatt fuq il-ħidma tagħhom, l-Aġenzija għandha tirrispetta l-kanali ta' informazzjoni eżistenti u n-netwerks stabbiliti.*

- (20c) *Il-Kummissjoni nidiet is-Sħubija Ewropea tas-Settur Pubbliku u l-Privat għar-Reżiljenza bħala pjattaforma flessibbli ta' kooperazzjoni madwar l-Ewropa għar-reżiljenza tal-infrastruttura tal-ICT, li fiha l-Aġenzija għandu jkollha rwol ta' faċilitatur, filwaqt li tiġbor flimkien lill-partijiet interessati mis-settur pubbliku u l-privat biex jiddiskutu l-prijoritajiet tal-politika pubblika, id-dimensjonijiet ekonomiċi u tas-suq tal-isfidi u l-miżuri għar-reżiljenza tal-ICT.*
- (20d) *Bil-għan li tippromwovi s-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni u l-viżibbiltà tagħha, l-Aġenzija għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni fost il-korpi pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari bl-appoġġ għall-iżvilupp u l-iskambju ta' prassi tajba u ta' skemi biex titqajjem kuxjenza u billi jissaħħu l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħhom. L-Aġenzija għandha wkoll tappoġġa l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, parzjalment permezz tal-promozzjoni tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni u ta' attivitajiet biex titqajjem kuxjenza.*

- (20e) *Bil-għan li jissaħħaħ il-livell avvanzat tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni l-Aġenzija għandha tippromwovi kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u prassi tajba bejn l-organizzazzjonijiet rilevanti, pereżempju l-Iskwadri ta' Rispons għal Aċċidenti fis-Sigurtà relatata mal-Kompjuters (CSIRTs)/Skwadri ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters (CERTs).*
- (20f) *Sistema tal-Unjoni ta' skwadri ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters (CERTs) li jiffunzjonaw tajjeb għandha tikkostitwixxi l-pedament tal-infrastruttura ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni tal-Unjoni. L-Aġenzija għandha tappoġġja is-CERTs tal-Istat Membru u lis-CERT UE fit-tħaddim ta' netwerk ta' CERTs, inkluż il-membri tal-Grupp Ewropew ta' CERTs Governattivi. Sabiex tassisti biex tiżgura li kull CERT għandu kapaċitajiet avvanzati biżżejjed u li dawn il-kapaċitajiet jikkorrispondu kemm jista' jkun għall-kapaċitajiet tal-aktar CERTs żviluppati, l-Aġenzija għandha tippromwovi l-istabbiliment u l-operat ta' sistema ta' rieżami mill-pari. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tippromwovi u tappoġġja l-kooperazzjoni bejn is-CERTs rilevanti f'każ ta' inċidenti, attacki jew tħarbit ta' netwerks jew infrastruttura ġestiti jew protetti minnhom u li jinvolvu jew li potenzjalment jinvolvu minn tal-inqas tnejn minnhom.*

- (21) Politiki effiċjenti tas-sigurtà għandhom ikunu bbażati fuq metodi ta' valutazzjoni tar-riskju żviluppati sew, kemm fis-settur pubbliku u fil-privat. Il-metodi u l-proċeduri tal-valutazzjoni tar-riskju jintużaw f'livelli differenti b'ebda prattika komuni dwar l-applikazzjoni effiċjenti tagħhom. Il-promozzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prassi għall-valutazzjoni tar-riksju u għal soluzzjonijiet interoperabbli tal-ġestjoni tar-riskju f'organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku u l-privat ser iżidu l-livell tas-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandha tappoġġja l-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fil-livell tal-Unjoni, billi tiffaċilita l-isforzi tagħhom relatati *mal-istabbiliment* u l-attwalizzazzjoni ta' standards għall-ġestjoni tar-riskju *Ewropej u internazzjonali* u għal sigurtà li tista' titkejjel ta' prodotti, sistemi, netwerks u servizzi elettroniċi, *li flimkien mas-softwer jinkludu sistemi ta' netwerk u ta' informazzjoni*.

I

- (23) Fejn xieraq u utli biex tilħaq **I** l-oġġettivi tagħha u biex twettaq il-ħidmiet tagħha, l-Aġenzija għandha taqsam l-esperjenza u l-informazzjoni ġenerali mal-korpi u l-aġenziji imwaqqfa taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea u li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. ***L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi biex tidentifika prijoritajiet ta' riċerka, fil-livell Ewropew, fl-oqsma tal-flessibilità tan-netwerk u s-sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni, u għandha twassal l-għarfien dwar il-bżonnijiet tal-industrija lill-istituzzjonijiet ta' riċerka potenzjali.***
- (23a) ***L-Aġenzija għandha thegġegħ lill-Istati Membri u lill-fornituri tas-servizzi biex itellgħu l-istandards tas-sigurtà ġenerali sabiex l-utenti kollha tal-Internet jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà ċibernetika personali tagħhom stess.***

- (26) Il-problemi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni huma kwistjonijiet globali. Hemm bżonn ta' koperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib biex jittejjbu l-istandards tas-sigurtà, **inkluż id-definizzjoni ta' normi ta' imġiba komuni u kodiċi ta' kondotta, u l-iskambju ta' informazzjoni, il-promozzjoni ta' kollaborazzjoni internazzjonali b'rispons imħaffef, kif ukoll permezz ta' approċċ globali komuni** għal kwistjonijiet tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandha tappoġġja **aktar l-involviment tal-Unjoni u l-koperazzjoni bejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali billi tipprovdi, fejn xieraq, l-għarfien espert u l-analiżi meħtieġa għall-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni.**
- (27) **L-Aġenzija għandha rispettivament topera skont (i) il-prinċipju tas-sussidjarjetà, fejn tiżgura livell xieraq ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mal-NIS u t-titjib tal-effettività tal-politiki nazzjonali, u b'hekk jiżdied il-valur tagħhom u (ii) il-prinċipju tal-proporzjonalità, fejn ma tmurx lil hinn milli meħtieġ biex tilħaq l-oġettivi stipulati f'dan ir-Regolament. L-eżerċizzju tal-kompiti tal-Aġenzija għandu jsahha u m'għandux jinterferixxi mal-kompetenzi jew jostakola, jimpedixxiu jew jirkebu il-poteri rilevanti u l-ħidmiet: tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kif stabbilit fid-Direttivi relatati man-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, kif ukoll tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) stabbilit bir-Regolament 1211/2009¹ tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u l-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet msemmi fid-Direttiva 2002/21/KE, il-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni, il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni u l-Kumitat Permanenti kif stipulat fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-forniment ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi¹ u tar-regoli dwar servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika u l-awtoritajiet ta' sorveljanza **indipendenti** tal-Istati Membri relatati mal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta.**

¹ Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (KREKE) u l-Uffiċċju (ĠU L 337, 18.12.2009, p.1).

- (27a) *Hemm bżonn li jiġu implimentati ċerti prinċipji rigward il-governanza tal-Aġenzija sabiex ikun hemm konformità mal-Approċċ Komuni u mal-Istqarrija Konġunta maqbula mill-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE f'Lulju 2012, li għandhom l-għan li jirrazzjonalizzaw l-attivitajiet tal-aġenziji u jtejbu l-prestazzjoni tagħhom.*
- (27b) *L-Istqarrija Konġunta u l-Approċċ Komuni għandhom ukoll jitqiesu kif xieraq fil-Programmi ta' Ħidma tal-Aġenzija, fl-evalwazzjonijiet tal-Aġenzija u fir-rappurtar tal-Aġenzija u l-prattika amministrattiva.*
- (27c) *Sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiffunzjona sew, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw għarfien espert professjonali xieraq fin-nomina ta' membri għall-Bord tat-Tmexxija. Għandhom iżidu l-isforzi biex jillimitaw it-tibdil tar-Rappreżentant tagħhom fil-Bord tat-Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija.*

¹ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

- (27d) *Hu importanti ħafna li l-Aġenzija tistabbilixxi u tibni reputazzjoni ta' imparzjalità, integrità u standards professjonali għoljin. Għaldaqstant, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta regoli komprensivi għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess li jkopru l-Aġenzija kollha kemm hi.*
- (27c) *B'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi uniċi tal-Aġenzija u l-isfidi diffiċli li qed tiffaċċja, l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija għandha tiġi semplifikata u msaħħa biex tkun żgurata effiċjenza u effikaċja akbar. Għalhekk, fost affarijiet oħra, għandu jiġi stabbilit Bord Eżekuttiv sabiex jippermetti lill-Bord tat-Tmexxija jiffoka fuq kwistjonijiet ta' importanza strateġika.*
- (27f) *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaħtar Uffiċċjal ta' Kontabilità bi qbil mar-regoli adottati skont ir-Regolament Finanzjarju 966/2012¹.*

¹ *Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p.1).*

- (28) Sabiex jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun effettiva, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikunu rrappreżentati fuq il-Bord tat-Tmexxija, li għandu jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-attivitajiet tal-Aġenzija u jiżgura li din twettaq il-kompiti skont dan ir-Regolament. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun fdat bil-poteri meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Aġenzija, jadotta l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess u r-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija, jaħtar *id-Direttur Eżekuttiv*, jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-mandat *tiegħu/tagħha wara li jinkisbu l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, jew jiddeċiedi fuq it-tmiem tal-mandat tiegħu/tagħha* . Il-Bord tat-Tmexxija għandu jwaqqaf *Bord Eżekuttiv* biex jgħinuh fil-kompiti tiegħu *dwar kwistjonijiet amministrattivi u baġitarji*.
- (29) Il-funzjonament tajjeb tal-Aġenzija jeħtieġ li d-Direttur Eżekuttiv tagħha jinħatar fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll tal-kompetenza u esperjenza rilevanti fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u li jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'indipendenza sħiħa fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-funzjonament intern tal-Aġenzija. Għal dan il-għan, id-Direttur Eżekuttiv għandu jħejji proposta għall-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, wara konsultazzjoni minn qabel *mal-Kummissjoni*, u jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija jitwettaq kif suppost. Huwa/*hija għandhom iħejju* rapport *annwali* biex ikun sottomess lill-Bord tat-Tmexxija, *għandhom ifasslu* abbozz tar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq għall-Aġenzija, u għandu jimplementa l-baġit.
- (30) Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkollu l-għażla li jwaqqaf Gruppi ta' Ħidma ad hoc biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari dawk ta' natura xjentifika, teknika, jew legali jew soċjoekonomika. Meta jwaqqaf Gruppi ta' Ħidma ad hoc id-Direttur Eżekuttiv għandu jikseb input u jiddependi mill-kompetenza esperta esterna rilevanti meħtieġa biex l-Aġenzija jkollha aċċess għall-informazzjoni l-aktar aġġornata disponibbli dwar l-isfidi tas-sigurtà ppreżentati mis-soċjetà tal-informazzjoni li qed tiżviluppa.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiżgura li s-sħubija fil-Gruppi ta' Ħidma ad hoc issir skont l-oġġla standards ta' għarfien speċjalizzat, filwaqt li jingħata kas ta' bilanċ rappreżentattiv, kif xieraq filwaqt li jkun kunsidrati l-kwistjonijiet speċifiċi, bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri, ***l-istituzzjonijiet tal-Unjoni***, is-settur privat, inklużi l-industrija, l-utenti, u l-esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. ***Id-Direttur Eżekuttiv jista'***, skont ***kif ikun xieraq, jistieden*** esperti individwali magħrufa bħala kompetenti fil-qasam rilevanti biex jieħdu sehem fil-proċeduri tal-Gruppi ta' Ħidma, fuq bażi ta' każ każ. L-ispejjeż tagħhom għandhom jitħallsu mill-Aġenzija skont ir-regoli interni tagħha u skont ir-regoli ***adottati*** skont ir-Regolament ***Finanzjarju Nru 966/2012***.

(31) L-Aġenzija għandu jkollha Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti bħala korp ta' konsulenza, biex jiżgura djalogu regolari bejn is-settur privat, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet interessati rilevanti oħra. Il-Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti, imwaqqaf mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv, għandu jiffoka fuq kwistjonijiet rilevanti għall-partijiet interessati u jippreżentahom għall-attenzjoni tal-Aġenzija. Id-Direttur Eżekuttiv jista', fejn xieraq u skont l-aġenda tal-laqgħat, jistieden rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u korpi rilevanti oħrajn biex jieħdu sehem f'laqgħat tal-Grupp.

(31a) Peress li hemm rappreżentanza wiesgħa ta' parteċipanti interessati fil-Grupp ta' Parteċipanti Interessati Permanenti, u billi l-PSG hu kkonsultat b'mod partikolari fir-rigward tal-abbozz ta' Programm ta' Ħidma, m'hemmx bżonn ta' rappreżentanza ta' parteċipanti interessati fil-Bord tat-Tmexxija.

█

- (33) L-Aġenzija għandha tapplika l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **■**. *L-informazzjoni pproċessata mill-Aġenzija għall-finijiet relatati mal-funzjonament intern tagħha kif ukoll l-informazzjoni pproċessata matul it-twettiq tal-kompiti tagħha għandha tkun soġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta¹.*
- (34) Fl-ambitu tagħha, fl-oġġettivi tagħha u fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Aġenzija għandha tikkonforma b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istituzzjonijiet *tal-Unjoni*, u mal-leġislazzjoni nazzjonali fir-rigward tat-trattament ta' dokumenti sensittivi. **■** (34a) *L-Aġenzija għandha tkun is-suċċessura tal-ENISA kif stabbilit bir-Regolament Nru 460/2004. Skont il-qafas tad-deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2003, l-Istat Membru ospitanti għandu jżomm u jiżviluppa aktar l-arranġamenti prattiċi attwali sabiex jiżgura l-ħidma bla xkiel u effiċjenti tal-Aġenzija, inkluż tal-uffiċċju ta' Ateni tagħha, u għandu jiffaċilita r-reklutaġġ u ż-żamma ta' persunal bi kwalifiki għoljin.*
- (35) Sabiex ikun hemm garanzija tal-awtonomija u l-indipendenza sħiħa tal-Aġenzija u sabiex tingħata l-kapaċità li twettaq kompiti addizzjonali u ġodda, inkluż kompiti ta' emerġenza u mhux previsti, huwa meqjus neċessarju li din tingħata baġit suffiċjenti u awtonomu fejn id-dħul tagħha jiġi primarjament minn kontribuzzjoni mill-Unjoni u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li jkun qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija. Il-parti l-kbira tal-persunal tal-Aġenzija nvolut direttament fl-implimentazzjoni operattiva tal-mandat tal-Aġenzija. L-Istat Membru ospitanti, jew kwalunkwe Stat Membru ieħor, għandu jitħalla jagħmel kontribuzzjonijiet volontarji għad-dħul tal-

¹ *Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43)*

Aġenzija. Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni tibqa' applikabbli fir-rigward ta' kwalunkwe sussidji li jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tagħmel il-verifika tal-kontijiet biex tiżgura t-trasparenza u l-obbligu li jingħata rendikont.

¹ *ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.*

(35a) *Fid-dawl ta' xenarju ta' theddid li qed jinbidel kontinwament u minħabba l-evoluzzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u sabiex jiġi allinjat il-qafas finanzjarju pluriennali, it-tul tal-mandat tal-Aġenzija għandu jkun iffissat għal perjodu limitat ta' seba' snin bil-possibilità li dan il-perjodu jiġi estiż.*

■

(37) L-attivitajiet *tal-Aġenzija* jkunu evalwati *b'mod indipendenti*. *L-evalwazzjoni għandha tikkunsidra l-effettività* tal-ilħuq tal-objettivi *tal-Aġenzija* ■ , *il-prassi* ta' ħidma tagħha, *u r-rilevanza tal-kompiti tagħha*, biex tiġi determinata l-validità kontinwa, jew xorta oħra, tal-objettivi tal-Aġenzija, u fuq bażi ta' dan, jekk u għal liema perjodu it-tul ta' żmien *tal-mandat* tagħha għandux jiġi estiż aktar,

- (37a) *Jekk lejn tmiem it-tul tal-mandat tal-Aġenzija, il-Kummissjoni ma tkunx introduċiet proposta għall-estensjoni tal-mandat, l-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom iwettqu miżuri xierqa, billi jindirizzaw kwistjonijiet partikolari marbutin mal-kuntratti tal-persunal u l-arranġamenti baġitarji.***
- (37b) *Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġjettivi,***

TAQSIMA 1 AMBITU, OBIETTIVI U KOMPITI

Artikolu 1

Suġġett u Ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Aġenzija ***tal-Unjoni*** Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA, minn issa 'l quddiem “l-Aġenzija”) sabiex twettaw il-kompiti assenjati lilha, bl-iskop li tikkontribwixxi għal livell għoli tas-sigurtà tan-netwerks u l-infurmazzjoni fl-Unjoni u biex tqajjem kuxjenza u tiżviluppa ***u tippromwovi*** kultura ta' sigurtà tan-netwerks u l-infurmazzjoni fis-soċjetà għall-benefiċċju taċ-ċittadini, tal-konsumaturi, tal-impriżi u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi ***għall-ħolqien u*** għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.
2. L-oġġettivi u l-kompiti tal-Aġenzija jkunu bla ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tas-sigurtà tan-netwerks u l-infurmazzjoni u fi kwalunkwe każ għall-attivitajiet li jirrigwardaw is-sigurtà pubblika, id-difiża, is-sigurtà tal-Istat (inkluż il-benesseri ekonomiku tal-Istat meta l-kwistjonijiet jikkonċernaw materji li jirrigwardaw is-sigurtà tal-Istat) u l-attivitajiet tal-Istat f'oqsma tal-liġi kriminali.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament “sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni” tfisser il-kapaċità ta' netwerk jew ta' sistema ta' informazzjoni li jirreżistu, f'livell definit ta' fiduċja, avvenimenti aċċidentali jew illegali jew azzjonijiet malizzjużi li jikkompromettu d-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-dejta maħżuna jew trażmessa u s-servizzi relatati offruti minn dawn in-netwerks jew sistemi jew aċċessibbli permezz tagħhom.

Artikolu 2

Objettivi

- 1. ***L-Aġenzija għandha tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' kompetenza.***
1. L-Aġenzija ***għandha*** tassisti ***lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-iżvilupp ta' politiki dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.***

- 1a. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-politiki meħtieġa biex jinkisbu r-rekwiżiti legali u regulatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-atti leġislattivi eżistenti u futuri tal-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern.*
2. L-Aġenzija *għandha tassisti fit-titjib u t-tisħiħ tal-kapaċità* u t-tnejn tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex timpedixxi, tidentifika u tirrispondi għal problemi u inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-Infurmazzjoni.

3. L-Aġenzija **għandha** tuża *l-kompetenza* esperta *tagħha* biex tistimula koperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi *mis-settur* pubbliku u tal-privat.

Artikolu 3

Kompiti

1. Fl-iskop stipulat fl-Artikolu 1, *u sabiex jinkisbu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 2, u b'rispett sħiħ għall-Artikolu 1(2)*, l-Aġenzija twettaq il-kompiti li ġejjin:
- (a) *Tappoġġja l-iżvilupp ta' politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, billi:*
- (i) *Tassisti u toffri pariri dwar il-kwistjonijiet kollha marbutin mal-politika u mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;*
 - (ii) *Tipprovdi ħidma preparatorja, pariri u analiżi fir-rigward tal-iżvilupp u l-aġġornament tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;*
 - (iii) *Tanalizza pubblikament strateġiji dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni disponibbli pubblikament, u tippromwovi l-pubblikazzjoni tagħhom.*

(aa) Tappoġġja l-bini tal-kapaċità billi:

- (i) Tappoġġja, fuq talba tagħhom, lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw u jtejbu l-kapaċità għall-prevenzjoni, is-sejba, l-analiżi u r-rispons tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u billi tipprovdihom l-għarfien meħtieġ;**
- (ii) Tippromwovi u tiffaċilita l-koperazzjoni volontarja fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom biex jimpedixxu, jidentifikaw u jirrispondu għal problemi u inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fejn dan għandu impatt transkonfinali;**
- (iii) Tassisti lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw il-kapaċità għall-prevenzjoni, is-sejba, l-analiżi u r-rispons tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, b'mod partikolari billi tappoġġja l-operat tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERT) għalihom;**

- (iv) *Tappoġġja ż-żieda fil-livell ta' kapaċitajiet tas-CERTs nazzjonali, governattivi u tal-Unjoni, inkluż bil-promozzjoni tad-djalogu u l-iskambju tal-informazzjoni, sabiex tiżgura li kull CERT, meta jitqies l-aktar livell avanzat tat-teknoloġija, tilħaq ġabra komuni ta' kapaċitajiet minimi u li dawn joperaw skont l-aħjar prattiki;*
- (v) *Tappoġġja l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-eżerċizzji tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni tal-Unjoni, u li, fuq talba tagħhom stess, tagħti pariri lill-Istati Membri dwar eżerċizzji nazzjonali;*

- (vi) *Tassisti lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom għall-ġbir, l-analiżi u, bi qbil mar-rekwiżiti ta' sigurtà tal-Istati Membri, it-tqassim tad-dejta rilevanti tagħhom dwar is-sigurtà tan-netwerk u l-informazzjoni; u abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, u mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali b'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jinżamm l-għarfien dwar il-qagħda l-iktar riċenti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni;*
- (vii) *Tappoġġja l-iżvilupp ta' mekkaniżmu Ewropew ta' twissija bikrija li jikkumplimenta l-mekkaniżmi fl-Istati Membri;*

- (viii) *Toffri taħriġ dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-korpi pubbliċi rilevanti, fejn xieraq, b'kooperazzjoni mal-partekipanti interessati.*
- (ab) *Tappoġġja koperazzjoni volontarja fost il-korpi pubbliċi kompetenti, u bejn il-partekipanti interessati pubbliċi u privati, inkluż l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka fl-Unjoni, u t-tkabbir tal-ġharfien, inter alia, billi:*
- (i) *Tippromwovi l-koperazzjoni bejn CERTs nazzjonali jew governattivi jew Skwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs), inkluż is-CERT għall-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni;*
 - (ii) *Tippromwovi l-iżvilupp u l-qsim tal-aħjar prassi bil-għan li jinkiseb livell avanzat ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;*
 - (iii) *Tiffaċilita d-djalogu u l-isforzi għall-iżvilupp u l-iskambju tal-aħjar prassi;*

- (iv) *Tippromwovi l-aħjar Prattika fil-qsim tal-informazzjoni u fit-tkabbir tal-għarfien;*
 - (v) *Tappoġġja lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom stess, u lill-Unjoni u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rispettivi tagħhom fl-organizzazzjoni taż-żieda tal-għarfien, inkluż fil-livell tal-utenti individwali, u permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni oħrajn biex tiżdied is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni u l-viżibilità tagħha billi ttipprovdi l-aħjar Prattiki u linji gwida.*
- (ac) *Tappoġġja r-riċerka u l-iżvilupp u l-istandardizzazzjoni billi:*
- (i) *Tiffaċilita l-ħolqien u l-promozzjoni ta' standards Ewropej u internazzjonali għall-ġestjoni tar-riskju u għas-sigurtà tal-prodotti, netwerks u servizzi elettroniċi;*

- (ii) *Tagħti parir lill-Unjoni u lill-Istati Membri dwar il-ħtiġijiet tar-riċerka fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni bil-ħsieb li tingħata tweġiba effikaċi għar-riskji u theddid attwali u emerġenti għas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, inkluż b'kunsiderazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti tal-ICT, u li jsir użu effettiv mit-teknoloġiji ta' prevenzjoni tar-riskji;*

(ad) *Tikkopera mal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, inkluż dawki li jitrattaw maċ-ċiberkriminalità u l-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta personali, biex tindirizza kwistjonijiet ta' tħassib komuni, inkluż billi:*

(i) *Ikun hemm skambju ta' għarfien u tal-aħjar Prattika;*

(ii) *Tipprovdi parir dwar aspetti rilevanti ta' netwerk u ta' sigurtà tal-informazzjoni sabiex jiġu żviluppati sinerġiji.*

■

(j) *Tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Unjoni biex tikkoopera ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali ■ għall-promozzjoni ta' koperazzjoni internazzjonali għal kwistjonijiet tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, inkluż billi:*

- (i) Tippiartecipa fejn xieraq, bħala osservatur u fl-organizzazzjoni ta' eżerċizzji internazzjonali, u billi tanalizza u tirrapporta dwar l-eżitu ta' dawn l-eżerċizzji;*
- (ii) Tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki tal-organizzazzjonijiet rilevanti;*
- (iii) Tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni b'għarfien espert.*

2. *Il-korpi tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni jistgħu jitolbu parir mill-Aġenzija fl-eventwalità ta' ksur tas-sigurtà jew telf ta' integrità b'impatt sinifikanti fuq l-operat tan-netwerks u tas-servizzi.*
3. *L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti mogħtija lilha mill-atti legiſlattivi tal-Unjoni.*
4. *L-Aġenzija għandha tesprimi b'mod indipendenti l-konklużjonijiet, l-orjentazzjonijiet u l-pariri tagħha u dwar kwistjonijiet fl-ambitu u l-objettivi ta' dan ir-Regolament.*

TAQSIMA 2 ORGANIZZAZZJONI

Artikolu 4

Korpi tal-Aġenzija

1. L-Aġenzija tkun tinkludi:
 - (a) Bord tat-Tmexxija;
 - (b) Direttur Eżekuttiv u l-persunal; kif ukoll
 - (c) Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti.
2. ***Sabiex tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-effikaċja u l-effiċjenza tal-operat tal-Aġenzija, il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi Bord Eżekuttiv.***

Artikolu 5

Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-attivitajiet tal-Aġenzija u jiżgura li l-Aġenzija taħdem skont ir-regoli u l-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għandu jiżgura wkoll konsistenza tal-ħidma tal-Aġenzija ma' attivitajiet immexxija mill-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-Unjoni.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta **l-programm ta' ħidma annwali u multiannwali strateġiku tal-Aġenzija.**

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta *rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija u jibgħatu sal-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri. Ir-rapport annwali għandu jinkludi l-kontabilità u għandu jiddeskrivi kif l-Aġenzija kisbet l-indikaturi ta' prestazzjoni tagħha. Ir-rapport annwali għandu jsir pubbliku.*
- 3a. *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta strateġija kontra l-frodi li tkun proporzjonali mar-riskji ta' frodi, b'kunsiderazzjoni tal-kost-benefiċċju ta' miżuri li jridu jiġu implimentati.*
- 3b. *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiżgura segwitu xieraq għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-bosta rapporti u evalwazzjonijiet ta' verifika interni jew esterni.*

3c. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess.

3d. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra mogħtija skont ir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-ħatra u mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra lill-Awtorità mogħtija s-Setgħa biex Tikkonkludi Kuntratti ta' Impjieg.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta, bi qbil mal-proċedura skont l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg għall-Aġenti l-Oħra, li tiddelega s-setgħat rilevanti tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur Eżekuttiv. Id-Direttur Eżekuttiv hu awtorizzat li jissottodelega dawn is-setgħat.

F'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Bord tat-Tmexxija jista' jieħu lura s-setgħat tal-awtorità tal-ħatra li jkunu ġew delegati lid-Direttur Eżekuttiv u s-setgħat li jkunu ġew sottodelegati mid-Direttur Eżekuttiv. F'dan il-każ il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddelegahom, għal perjodu limitat, lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil xi membru tal-persunal ieħor minbarra d-Direttur Eżekuttiv.

- 3e. Il-bord tat-Tmexxija għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni xierqa għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-oħra skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.*
- 3f. Il-bord tat-Tmexxija għandu jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jkun jista' jestendi l-mandat tiegħu jew inehħih mill-kariga, skont l-Artikolu 21c;*

- 3g. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura għalih innifsu u għall-Bord Eżekuttiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jippermettu deċiżjonijiet aċċellerati permezz ta' proċedura bil-miktub jew permezz ta' konferenzi mill-bogħod.**
- 3h. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija wara li jikkonsulta mas-servizzi tal-Kummissjoni. Dawn ir-regoli għandhom ikunu magħmula pubbliċi.**

■

6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija. Dawk ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, sakemm dan ma jkunx meħtieġ speċifikament għall-operat tal-Aġenzija u l-Kummissjoni tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel.

¹ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

■

9. Il-Bord tat-Tmexxija *għandu* jadotta Pjan Multiannwali ta' Politika dwar il-Persunal, wara konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni u wara li jkun informa kif dovut lill-Awtorit  tal-Baġit.

Artikolu 6

Kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru, *u  żewġ* rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni, *kollha kemm huma bid-dritt* għall-vot. ■ *1a. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu supplent li għandu jirrappreżenta lil dak il-membru fin-nuqqas tiegħu/tagħha.*

1b. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u s-supplenti tagħhom għandhom jiġu maħtura fid-dawl tal-għarfien tagħhom tal-kompiti u l-objettivi tal-Aġenzija, b'kunsiderazzjoni tal-ħiliet manijerjali, amministrattivi u baġitarji li għandhom u li huma rilevanti għat-twettiq tal-kompiti elenkati fl-Artikolu 5. Il-partijiet kollha għandhom iżidu l-isforzi biex jillimitaw it-tibdil tar-rappreżentanti tagħhom fil-bordijiet, sabiex jiżguraw il-kontinwità tal-ħidma tal-bord. Il-partijiet kollha għandhom ikollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija.

3. Il-mandat *tal-membri tal-bord u s-supplenti tagħhom* għandu jkun ta' erba' snin.
Dak il-mandat għandu *jkun* jista' *jiġi mġedded*.

Artikolu 7

Il-President tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi l-President u d-Deputat President tiegħu minn fost il-membri għal perjodu ta' tliet snin, li jista' jigggedded. Id-Deputat President għandu jissostitwixxi lill-President ex officio jekk dan tal-aħħar ma jkunx jista' jwettaq id-doveri tiegħu.
- 1a. *Il-President jista' jiġi mistieden jagħmel stqarrija quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tal-kumitat.*

Artikolu 8

Laqgħat

1. Il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jissejħu mill-President tiegħu.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħmel laqgħa ordinarja *minn tal-inqas darba* fis-sena. Għandu wkoll jagħmel laqgħat straordinarji fuq talba tal-President jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu .
3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, mingħajr id-dritt tal-vot.

Artikolu9
Votazzjoni

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu ***b'maġġoranza assoluta*** tal-membri tiegħu.
2. Tkun meħtieġa maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tal-Bord tat-Tmexxija ■ biex jiġu adottati r-regoli ta' proċedura tiegħu, ir-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija, il-baġit, il-programm ta' ħidma annwali ***u multiannwali***, ■ ***il-ħatra***, l-estensjoni tal-mandat jew it-tneħħija tad-Direttur Eżekuttiv ***u l-għażla tal-President tal-Bord***.

Artikolu 9a
Il-Bord Eżekuttiv

1. *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiġi assistit minn Bord Eżekuttiv.*
2. *Il-Bord Eżekuttiv għandu jħejji d-deċiżjonijiet għal adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija dwar kwistjonijiet amministrattivi u baġitarji biss.*

Flimkien mal-Bord tat-Tmexxija għandu jiżgura segwitu xieraq għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-investigazzjonijiet tal-OLAF u mill-bosta rapporti u evalwazzjonijiet ta' verifika interni jew esterni.

Mingħajr preġudizzju għar-responsabilitajiet tad-Direttur Eżekuttiv, kif stipulat fl-Artikolu 10, il-bord Eżekuttiv għandu jassistih u jagħtih pariri dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija dwar kwistjonijiet amministrattivi u baġitarji.

3. *Il-Bord Eżekuttiv għandu jikkonsisti minn ħames membri maħtura minn fost il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, fosthom il-President tal-Bord tat-Tmexxija, li jista' jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv, u wieħed mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni.*
4. *Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jkun l-istess bħal dak tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija.*
5. *Il-Bord Eżekuttiv għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull tliet xhur. Il-President tal-Bord Eżekuttiv għandu jsejjaħ għal aktar laqgħat fuq talba tal-membri tiegħu.*

Artikolu 10

Id-doveri tad-Direttur Eżekuttiv

1. L-Aġenzija għandha titmexxa mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, li għandu jkun indipendenti fit-twettiq tad-doveri tiegħu/tagħha.

█

█

7. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli :
 - (a) għall-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Aġenzija;
 - (b) għall-implimentazzjoni █ *tad-deċiżjonijiet* adottati mill-Bord tat-Tmexxija;

- (ba) wara konsultazzjoni mal-Bord tat-Tmexxija, għat-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali u l-programm ta' ħidma strateġika multiannwali u għat-tressiq tagħhom quddiem il-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni;*
- (bb) għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali u l-programm ta' ħidma strateġika multiannwali u għar-rappurtar lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-implimentazzjoni tagħhom;*
- (bc) għat-tħejjija tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija u għat-tressiq tiegħu quddiem il-Bord tat-Tmexxija għal approvazzjoni;*

- (bd) għat-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni msejjes fuq il-konklużjonijiet tal-
evalwazzjonijiet retrospettivi u għar-rappurtar dwar il-progress tagħhom
darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni;*
- (be) għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-applikazzjoni ta' miżuri
ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kontra kull tip ta' attività illegali
oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u jekk jinstabu xi irregolaritajiet, billi
jirkupra l-ammonti mħallsa bi żball u fejn xieraq, permezz ta' pieni
amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonali u dissważivi;*
- (bf) għat-tħejjija ta' strateġija kontra l-frodi għall-Aġenzija u għat-tressiq tagħha
quddiem il-Bord tat-Tmexxija għal approvazzjoni;*

(c) għall-assigurazzjoni li l-Aġenzija twettaq l-attivitajiet tagħha skont ir-rekwiżiti ta' dawk li jużaw is-servizzi tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-adegwatezza tas-servizzi pprovduti;

█

(e) għall-iżvilupp u ż-żamma ta' kuntatt mal-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej;

(f) għall-iżvilupp u ż-żamma ta' kuntatt mal-komunità kummerċjali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi biex jiżgura djalogu regolari mal-partijiet interessati rilevanti;

(g) għal kompiti oħrajn assenjati lilu/lilha b'dan ir-Regolament.

8. Fejn meħtieġ u fi ħdan l-oġġettivi u l-kompiti tal-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv jista' jwaqqaf Gruppi ta' Ħidma ad hoc magħmulin minn esperti, ***inkluż mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun avżat bil-quddiem. Il-proċeduri b'mod partikolari dwar l-għamla, il-ħatra tal-esperti mid-Direttur Eżekuttiv u l-attività tal-Gruppi ta' Ħidma ad hoc għandhom ikunu speċifikati fir-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija.
9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jipprovi persunal amministrattiv ta' appoġġ u riżorsi oħrajn li jkunu disponibbli għall-Bord tat-Tmexxija ***u għall-Bord Eżekuttiv*** meta meħtieġ.

Artikolu 11

Il-Grupp Permanenti tal-Partijiet Interessati

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jwaqqaf Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, magħmul minn esperti ***rikonoxxuti*** li jirrappreżentaw il-partijiet interessati rilevanti, bħall-industrija tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***fornituri ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku***, gruppi tal-konsumatur, esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u ***rappreżentanza ta' awtoritajiet regolatorji nazzjonali nnotifikata skont id-Direttiva 2002/21/KE kif ukoll*** tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-protezzjoni tal-privatezza.

2. Il-proċeduri b' mod partikolari dwar l-għadd, l-għamla, il-ħatra tal-membri mill-Bord tat-Tmexxija, il-proposta mid-Direttur Eżekuttiv u l-attività tal-Grupp għandhom ikunu speċifikati fir-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
3. Il-Grupp għandu jkun ippresedut mid-Direttur Eżekuttiv ***jew minn kwalunkwe persuna li jaħtar skont il-każ.***
4. Il-mandat tal-membri tal-Grupp għandu jkun ta' sentejn u nofs. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija ma jistgħux ikunu membri tal-Grupp. Il-persunal tal-Kummissjoni ***u l-esperti mill-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jkunu*** preżenti għal-laqgħat u ***jieħdu*** sehem fil-ħidma tal-Grupp. ***Jekk dawn mhumiex membri, rappreżentanti ta' korpi oħra meqjusa rilevanti mid-Direttur Eżekuttiv jistgħu jiġu mistiedna biex ikunu preżenti fil-laqgħat u jipparteċipaw fil-ħidma tal-Grupp.***

5. Il-Grupp għandu joffri konsulenza lill-Aġenzija fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha. Il-Grupp għandu b'mod partikolari jagħti parir lid-Direttur Eżekuttiv dwar it-tfassil ta' proposta għall-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, u biex jiġi żgurat li jkun hemm komunikazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-programm ta' ħidma.

TAQSIMA 3 ATTIVITÀ

Artikolu 12

Programm ta' Ħidma

1. L-Aġenzija għandha twettaq l-attivitajiet skont il-programm ta' ħidma ***annwali u multiannwali tagħha***, li għandu jinkludi l-attivitajiet ippjanati kollha tagħha. ■
 - 1a. ***Ir-rapport ta' ħidma għandu jinkludi indikaturi ta' prestazzjoni speċifiċi sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni effettiva tar-riżultati miksuba f'termini ta' objettivi.***

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għat-tfassil tal-abbozz tal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija wara konsultazzjoni minn qabel mas-servizzi tal-Kummissjoni. Kull sena qabel il-15 ta' Marzu d-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti l-abbozz tal-programm ta' ħidma għas-sena ta' wara lill-Bord tat-Tmexxija.
3. Kull sena qabel it-30 ta' Novembru, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għas-sena suċċessiva **wara li jkun irċieva l-opinjoni** tal-Kummissjoni. Il-programm ta' ħidma jinkludi tbassir multiannwali. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiżgura li l-programm ta' ħidma jkun konsistenti mal-oġettivi tal-Aġenzija u mal-prijoritajiet leġislattivi u ta' politika tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

4. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi organizzat skont il-prinċipju ta' Ġestjoni fuq Bażi tal-Attività ■ . Il-programm ta' ħidma għandu jkun konformi mar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija u mal-baġit tal-Aġenzija għall-istess sena finanzjarja.
5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu, wara l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, jgħaddi l-programm ta' ħidma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u jipubblikah. ***Fuq stedina tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew, id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta u jkollu skambju ta' ideat dwar il-programm annwali ta' ħidma adottat.***



Artikolu 14

Talbiet lill-Aġenzija

1. Talbiet għal konsulenza u assistenza li jaqgħu fl-ambitu tal-oġettivi u l-kompiti tal-Aġenzija għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur Eżekuttiv u jkunu akkumpanjati mill-informazzjoni dwar l-isfond li tispjega l-kwistjoni li għandha tiġi indirizzata. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord tat-Tmexxija **u lill-Bord Eżekuttiv** dwar it-talbiet riċevuti, ***l-implikazzjonijiet potenzjali fuq riżorsi***, u eventwalment dwar is-segwitu ta' dawn it-talbiet. Jekk l-Aġenzija tirrifjuta talba, għandha tingħata ġustifikazzjoni.
2. It-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jsiru:
 - (a) mill-Parlament Ewropew;
 - (b) mill-Kunsill;
 - (c) mill-Kummissjoni;
 - (d) minn kwalunkwe korp kompetenti maħtur minn Stat Membru, bħal awtorità regolatorja nazzjonali kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/21/KE.

3. L-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tal-paragrafu 1, b'mod partikolari dwar is-sottomissjoni, il-prijorità, is-segwitu u l-informazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija **u tal-Bord Eżekuttiv** fuq talbiet lill-Aġenzija, għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord tat-Tmexxija fir-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija.

Artikolu 15

Dikjarazzjoni ta' interess

1. ***Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija***, id-Direttur Eżekuttiv u uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja għandhom jaġmlu dikjarazzjoni tal-impenji u dikjarazzjoni bil-miktub li tindika n-nuqqas ***jew il-preżenza*** ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jkun ikkunsidrat ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom. ***Id-dikjarazzjonijiet għandhom ikunu preċiżi u sħaħ, isiru annwalment bil-miktub u jiġu aġġornati kull meta jkun meħtieġ.***

2. ***Il-Membri tal-Bord tat-Tmexxija, il-Bord Eżekuttiv, u l-esperti*** esterni li jieħdu sehem fi Gruppi ta' Ħidma ad hoc għandhom, ***mhux aktar tard minn meta ssir kull laqgħa***, jiddikjaraw ***b'mod preċiż u sħiħ*** kwalunkwe interess li jista' jiġi kkunsidrat ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom b'relazzjoni tas-suġġetti fuq l-aġenda u jastjenu milli jieħdu sehem fid-diskussjoni ***u jivvotaw fuq*** tali punti.
3. ***Fir-regoli interni tal-operat tagħha, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi tar-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet ta' interess msemmija fil-paragrafi 1 u 2.***

Artikolu 16

Trasparenza

1. L-Aġenzija għandha tiżgura li twettaq l-attivitajiet tagħha b'livell għoli ta' trasparenza u skont l-Artikoli **17** u **18**.
2. L-Aġenzija għandha tiżgura li l-pubbliku u kwalunkwe parti interessata jingħataw informazzjoni **xierqa**, objettiva, affidabbli u faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżultati tax-xogħol tagħha ■ . Hi għandha tqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-dikjarazzjonijiet ta' interessi magħmula **f'konformità mal-Artikolu 15**.
3. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, jista' jawtorizza partijiet interessati biex josserva l-proċeduri ta' xi wħud mill-attivitajiet tal-Aġenzija.

4. Fir-regoli interni tal-operat, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' trasparenza msemmija fil-paragrafu 1 u 2.

Artikolu 17

Kunfidenzjalità

1. Bla ħsara għall-Artikolu **18**, l-Aġenzija m'għandhiex tiżvela lil persuni terzi l-informazzjoni li hija tipproċessa jew tirċievi li dwarha ***tkun saret talba mmotivata għal*** trattament kunfidenzjali, ***kollha kemm hi jew parti minnha***.
2. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti, esperti esterni li jieħdu sehem fi Gruppi ta' Ħidma ad hoc, u membri tal-persunal tal-Aġenzija inkluż uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri fuq bażi temporanja huma suġġetti għall-obbligi ta' kunfidenzjalità skont l-Artikolu 339 tat-Trattat anke wara li jkunu waqfu mid-doveri tagħhom.

3. Fir-regoli interni tal-operat, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' kunfidenzjalità msemmija fil-paragrafi 1 u 2.
4. ***Jekk meħtieġ skont il-prestazzjoni tal-kompiti tal-Aġenzija***, il-Bord tat-Tmexxija ***għandu*** jiddeċiedi li jippermetti lill-Aġenzija tuża informazzjoni kklassifikata. F'dak il-każ il-Bord tat-Tmexxija, bi ftehim mas-servizzi █ tal-Kummissjoni, jadotta regoli interni tal-operat fejn japplika l-prinċipji tas-sigurtà li jinsabu fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, ECSC, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-regoli interni ta' proċedura tiegħu¹. Din tkopri, fost oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju, l-ipproċessar u l-ħażna ta' informazzjoni kklassifikata.

¹ ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.

Artikolu 18

Aċċess għad-dokumenti

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu japplika fil-każ ta' dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.
2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta arranġamenti għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fi żmien sitt xhur mit-twaqqif tal-Aġenzija.
3. Deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment lill-Ombudsman jew parti minn kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikoli 228 u 263 tat-Trattat rispettivament.

TAQSIMA 4 DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 19

Adozzjoni tal-baġit

1. Id-dħul tal-Aġenzija għandu jikkonsisti f'kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-ħidma tal-Aġenzija kif previst fl-Artikolu 29, u kontribuzzjonijiet *volontarji* minn Stati Membri, *fi flus jew in natura*. ***L-Istati Membri li jipprovdu kontribuzzjonijiet volontarji ma jistgħux jitolbu xi dritt jew servizz speċifiku b'riżultat ta' din il-kontribuzzjoni.***
2. In-nefqa tal-Aġenzija għandha tinkludi persunal, appoġġ amministrattiv u tekniku, infrastruttura u spejjeż tal-operat, u spejjeż li jirriżultaw minn kuntratti flimkien ma' partijiet terzi.

3. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu ta' kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz tar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja li jmiss, u jgħaddih lill-Bord tat-Tmexxija, flimkien ma' abbozz tal-organigramma.
4. Id-dħul u l-infiq ikunu bilanċjati.
5. Kull sena, il-Bord tat-Tmexxija, fuq il-bażi tal-abbozz tar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq imfassal mid-Direttur Eżekuttiv, għandu jippreżenta rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq għall-Aġenzija għas-sena finanzjarja li jmiss.

6. Dan ir-rendikont tal-estimi, li għandu jinkludi abbozz tal-organigramma flimkien tal-abbozz tal-programm ta' ħidma għandu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, jintbagħat mill-Bord tat-Tmexxija lill-Kummissjoni u lill-Istati li magħhom l-Unjoni Ewropea laħqet ftehim skont l-Artikolu 28.
7. Dan ir-rendikont tal-estimi għandu jintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (it-tnejn minn issa 'l quddiem "l-awtorità tal-baġit") flimkien mal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
8. Fuq il-bażi ta' dan ir-rendikont tal-estimi, il-Kummissjoni, fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għandha ddaħħal l-estimi li hija tikkunsidra neċessarji għall-organigramma u l-ammont tas-sussidju li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali, li hija tissottometti lill-awtorità tal-baġit-bi qbil mal-Artikolu 314 tat-Trattat.
9. L-awtorità tal-baġit għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju lill-Aġenzija.

10. L-awtorità tal-baġit għandha tadotta l-pjan tal-istabbiliment tal-Aġenzija.
11. Flimkien mal-programm ta' ħidma, il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-baġit tal-Aġenzija. Dan isir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn xieraq, il-Bord tat-Tmexxija għandu jaġġusta l-baġit u l-programm ta' ħidma tal-Aġenzija skont il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jgħaddih mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-awtorità tal-baġit.

Artikolu 20

Il-ġlieda kontra l-frodi

1. Sabiex **tkun iffaċilitata** l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, skont ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999¹, **fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-Aġenzija ssir operattiva**, għandha tingħata **aċċess** għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 ■ dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u għandha **tadotta** d-dispożizzjonijiet **adegwati** applikabbli għall-impjegati kollha tal-Aġenzija **bl-użu tal-formola stipulata fl-Anness għal dak il-Ftehim**.
2. **Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa li twettaq verifiki, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha tal-għotjiet li rċievew fondi mill-Unjoni mill-Aġenzija.**

¹ **Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.05.1999, p. 1).**

3. *L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post b'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 u tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra¹ bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività oħra illegali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konnessjoni mal-għotja jew mal-kuntratt iffinanzjati mill-Aġenzija.*
4. *Bla preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja tal-Aġenzija għandhom b'mod espliċitu jkun fihom dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali verifiki u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.*

¹ *ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.*

Artikolu 21
Implimentazzjoni tal-baġit

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu *jkun responsabbli għall-implimentazzjoni* tal-baġit tal-Aġenzija.
2. L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess poteri fuq l-Aġenzija bħal ma jeżerċita fuq dipartimenti tal-Kummissjoni.
3. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Aġenzija għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet provviżorji tal-istituzzjonijiet u l-korpi deċentralizzati skont l-Artikolu 128 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹ (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament Finanzjarju ġenerali").

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

4. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien ma' rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja għandu jintbagħat ukoll lill-awtorità tal-baġit.
5. Mal-wasla tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-Aġenzija, skont l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Aġenzija taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess u jibgħathom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.
6. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jippreżenta opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Aġenzija.

7. Id-Direttur Eżekuttiv, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, għandu jippreżenta l-kontijiet finali, *inkluż ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja u l-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri*, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija.
8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippubblika l-kontijiet finali.
9. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat tweġiba lill-Qorti tal-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Hu għandu jibgħat din it-tweġiba lill-Bord tat-Tmexxija.

10. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan tal-aħħar, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni, kif stipulat fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.
11. Il-Parlament Ewropew, waqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, sat-30 ta' April tas-sena N+2, għandu jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

TAQSIMA 4a PERSUNAL

Artikolu 21a

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Ir-Regolament tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni^[1] u r-regoli adottati bi ftehim bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex jagħtu effett lil dawk ir-Regolamenti tal-Persunal għandhom japplikaw għall-persunal tal-Aġenzija.

Artikolu 21b

Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Aġenzija u l-persunal tagħha.

Artikolu 21c

Id-Direttur Eżekuttiv

- 1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun inġaġġat bħala aġent temporanju tal-Aġenzija skont l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjoni ta' Impjieg għall-Aġenti l-oħra.*
- 2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija, minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura ta' għażla miftuħa u trasparenti.*

Bil-għan li tagħlaq il-kuntratt tad-Direttur Eżekuttiv, l-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mill-President tal-Bord tat-Tmexxija.

Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali jista' jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u biex iwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu.

3. *Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames snin. Sal-aħħar ta' dan il-perjodu, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni li tikkunsidra l-ewalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri tal-Aġenzija.*
4. *Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni li tikkunsidra l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn ħames snin wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-Parlament Ewropew.*
5. *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien tliet xhur qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu, id-Direttur Eżekuttiv għandu jekk jiġi mistieden biex jaġmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu.*

6. *Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma għandux jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess post fl-aħħar tal-perijodu kollu.*
7. *Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss b'deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija.*

Artikolu 21d

Esperti nazzjonali sekondati u persunal ieħor

1. *L-Aġenzija tista' tagħmel użu wkoll minn Esperti Nazzjonali Sekondati jew persunal ieħor mhux impjegat mill-Aġenzija. Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg tal-Aġenti Oħra ma għandux japplika għal dan il-persunal.*
2. *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali fl-Aġenzija.*

TAQSIMA 5 DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 22

Status legali

1. L-Aġenzija għandha tkun korp tal-Unjoni. Hi għandu jkollha personalità legali.
2. F'kull wieħed mill-Istati Membri l-Aġenzija għandha tgawdi l-kapaċità legali l-aktar estensiva mogħtija lil persuni legali taħt il-liġijiet tagħhom. B'mod partikolari hi tkun tista' takkwista u tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tkun parti minn proċeduri legali.
3. L-Aġenzija għandha tkun irrappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha.
4. ***Ġie stabbilit uffiċċju ta' fergħa u għandu jinżamm fiż-żona metropolitana ta' Ateni sabiex titjeb l-effiċjenza operattiva tal-Aġenzija.***

█

Artikolu 25

Responsabilità

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Aġenzija għandha tkun irregolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni.
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropa għandha l-ġurisdizzjoni li tgħaddi għad id għal kull kuntratt inkwistjoni li tinstab f'kuntratt konkluż mill-Aġenzija.
2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, għandha tagħmel tajjeb għal kull dannu kkawżat minnha jew mill-uffiċjali tagħha fil-qadi ta' dmirijithom.
Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni fi kwalunkwe tilwima relatata ma' kumpens għal tali dannu.
3. Ir-responsabbiltà personali tal-uffiċjali tagħha lejn l-Aġenzija għandha tkun irregolata mill-kundizzjonijiet rilevanti applikabbli għall-persunal tal-Aġenzija.

Artikolu 26

Lingwi

1. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea¹ għandhom japplikaw għall-Aġenzija. L-Istati Membri u l-korpi l-oħra maħtura minnhom jistgħu jindirizzaw lill-Aġenzija u jirċievu risposta fil-lingwa tal-Unjoni Ewropea tal-għażla tagħhom.
2. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

¹ ĠU 17, 6.10.1958, p. 385. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att tal-Adeżjoni 1994.

Artikolu 27

Protezzjoni ta' dejta personali

1. Fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta relatata ma' individwi, ***b'mod partikolari waqt li tkun qed twettaq il-kompiti tagħha***, l-Aġenzija ***għandha tosserva l-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta personali u tkun*** suġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.
 - 1a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(8) tar-Regolament 45/2001. Il-bord tat-Tmexxija jista' jadotta miżuri addizzjonali meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolament 45/2001 mill-Aġenzija.***

Artikolu 28

Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi

1. L-Aġenzija għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi li jkunu laħqu ftehimiet mal-Unjoni Ewropea li permezz tagħhom ikunu adottaw u applikaw leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam kopert b'dan ir-Regolament.
2. Għandhom isiru arranġamenti taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk il-ftehimiet, li jispeċifikaw b'mod partikolari n-natura, il-medda u l-mod li fihom dawn il-pajjiżi jistgħu jieħdu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni fl-inizjattivi meħuda mill-Aġenzija, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-persunal.

Artikolu 28a

Regoli ta' sigurtà dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata

L-Aġenzija għandha tapplika l-prinċipji ta' sigurtà nklużi fir-regoli ta' sigurtà tal-Kummissjoni għall-protezzjoni tal-Klassifikat tal-Unjoni Ewropea (EUCI), u għall-informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata, kif stipulat fl-anness għad-Deċiżjoni 2001/844/KE. Din tkopri, fost oħrajn, dispożizzjonijiet għall-iskambju, l-ipproċessar u l-ħażna ta' informazzjoni kklassifikata.

TAQSIMA 6 DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

I

Artikolu 29

Evalwazzjoni u rieżami

1. *Sa mhux aktar tard minn 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tikkummissjona evalwazzjoni biex tivvaluta b'mod partikolari l-impatt, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Aġenzija u l-prassi ta' ħidma tagħha. L-evalwazzjoni għandha ukoll tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġu modifikati l-mandat tal-Aġenzija u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.*
 - 1a. *L-evalwazzjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe informazzjoni mogħtija lill-Aġenzija bi tweġiba għall-attivitajiet.*
2. *Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport ta' evalwazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bord tat-Tmexxija. Is-sejbiet tal-valutazzjoni għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.*

3. ***Fl-okkażjoni tal-evalwazzjoni, għandha ssir ukoll valutazzjoni tar-riżultati miksuba mill-Aġenzija b'kunsiderazzjoni tal-objettivi, mandat u kompiti. Jekk il-Kummissjoni tqis li t-tkomplija tal-operat tal-Aġenzija jkun ġustifikat fir-rigward tal-objettivi, mandat u kompiti assenjati lilha, tista' tipproponi li jiġi estiż il-perjodu ta' żmien tal-Aġenzija kif stipulat fl-Artikolu 33.***

Artikolu 30

Kooperazzjoni mal-Istat Membru ospitanti

L-Istat Membru ospitanti għandu jipprovdi l-aħjar kondizzjonijiet possibbli sabiex ikun żgurat il-funzjonament adegwat tal-Aġenzija, inkluż l-aċċessibilità tal-post, l-eżistenza ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal, aċċess adegwat għas-suq tax-xogħol, sigurtà soċjali u kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi.

Artikolu 31

Kontroll amministrattiv

L-attivitajiet tal-Aġenzija huma suġġetti għas-sorveljanza tal-Ombudsman skont l-Artikolu 228 tat-Trattat.

Artikolu 32

Revoka u suċċessjoni

1. Ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 huwa rrevokat.
Referenzi għar-Regolament (KE) Nru 460/2004 u għall-ENISA għandhom jinftiehem li huma referenzi għal dan ir-Regolament u għall-Aġenzija.
2. L-Aġenzija tiegħu post l-Aġenzija li ġiet stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 460/2004 fir-rigward ta' kull sjieda, ftehimiet, obbligi legali, kuntratti ta' impjegi, impenji u responsabbiltajiet finanzjarji.

Artikolu 33

Tul ta' żmien

L-Aġenzija għandha tiġi stabbilita *mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament* għal perjodu ta' *seba'* snin

Artikolu 34

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. ■ Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi [...],

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

NOTA SPJEGATTIVA

ENISA - l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni, "l-Aġenzija" - ġiet stabbilita f'Marzu 2004 għal perjodu ta' ħames snin li sussegwentament ġie estiż fl-2008 sa Marzu 2012. F'Settembru 2010 l-Kummissjoni ressqet żewġ proposti: l-ewwel waħda biex testendi aktar il-perjodu ta' stabbiliment tal-Aġenzija b'perjodu ta' tmintax-il xahar sa Settembru 2013, u t-tieni waħda kienet proposta aktar sostantiva biex timmodernizza u tirrazzjonalizza l-Aġenzija. B'appoġġ unanimu mill-Parlament, ġie deċiż li l-ewwel tiġi approvata l-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija biex jiġi żgurat il-ġejjieni immedjat tal-Aġenzija u biex il-Parlament ikollu aktar żmien biex iniedi dibattitu u analiżi fid-dettall dwar il-futur fuq perjodu itwal ta' żmien tal-Aġenzija.

Meta kkunsidrajna t-tieni proposta tal-Kummissjoni, biex ir-rwol tal-Aġenzija jiġi aġġornat, l-ewwel ridna nikkunsidraw il-kwistjoni ta' jekk kienx għad hemm bżonn tal-aġenzija. Fil-ħajja qasira tagħha, l-Aġenzija tat kontribut ta' valur għas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, iżda huwa ċar għar-rapporteur li l-kontinwazzjoni tal-aġenzija fil-forma attwali tagħha ma tkunx proposta vijabbli biex wieħed jaffaċċja l-isfidi l-ġodda ta' dinja ċibernetika li l-ħin kollu tevolvi. Wara li ġew ikkunsidrati l-argumenti kollha, huwa evidenti li l-Aġenzija tissodisfa ħtiġijiet speċifiċi fil-livell tal-UE, billi tikkoordina l-partijiet interessati b'mod aktar effikaċi u effiċjenti milli jkun possibbli permezz tal-koperazzjoni bejn l-Istati Membri.

Il-Kumitat ITRE tal-Parlament Ewropew iddeċieda li jorganizza smiġħ u talab li jsir studju aġġornat u indipendenti biex jinvestiga d-diversi aspetti tal-funzjonament attwali tal-Aġenzija, inkluż kif l-aġenzija tista' tikkontribwixxi b'mod effikaċi għas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fl-UE u internazzjonalment. It-termini tal-istudju talbu li jikkunsidra l-arranġamenti prattiċi kollha li jwasslu għat-tmexxija effikaċi tal-aġenzija, inklużi l-kwistjonijiet tal-persunal u l-aspetti baġitarji. L-istudju twettaq f'dettall kbir skont it-termini tal-Parlament u pproduċa t-nax-il rakkomandazzjoni biex jittejjeb il-funzjonament tal-Aġenzija. Fost dawn kien hemm rakkomandazzjonijiet biex l-Aġenzija jkollha perjodu itwal ta' stabbiliment u biex ikun hemm inqas ambigwiżità dwar ir-rwol u l-oġettivi fir-Regolament kif ukoll baġit akbar biex twettaq il-kompiti tagħha.

Barra minn hekk, għandu jkun hemm rwoli addizzjonali għall-Aġenzija fir-rigward tas-CERTs (Skwadri ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters), b'mod li jiġi żgurat li s-CERTs tal-Istati Membri kollha u tal-Unjoni jkollhom kapaċitajiet biżżejjed avvanzati u li dawn jikkorrispondu għall-aktar skwadri avvanzati. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha iżomm kuntatt mal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza biex l-aspetti tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni tal-ġlieda kontra l-ċiberkriminalità jiġu indirizzati kif suppost, u għandu jkun possibbli li jkollha rwol ta' koordinament biex telimina diskrepanzi f'oqsma fejn m'hemm l-ebda korp responsabbli ieħor fil-livell tal-UE u li jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-Aġenzija.

Eżempju riċenti ieħor, li jikkonċerna kemm is-sigurtà tan-netwerks kif ukoll il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta, huwa l-każ tal-ġbir ta' dejta tal-wi-fi permezz ta' metodi identiċi f'bosta Stati Membri. Minkejja liġi armonizzata tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta, ma kien hemm

ebda korp fil-livell tal-UE li jista' jgħin fil-koordinament ta' analiżi u reazzjoni komuni, xi ħaġa li rriżultat f'approċċi nazzjonali differenti ħafna u b'hekk livelli differenti ta' protezzjoni taċ-ċittadini kif ukoll inċertezza u kumplessità bla bżonn għall-operaturi kkonċernati.

Is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni ta' spiss jassumu dimensjoni aktar globali, kif urew avvenimenti riċenti, u għalhekk l-Aġenzija għandha tkun tista' tistabbilixxi djalogu u koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali biex tiżviluppa approċċ aktar komuni għal theddid potenzjali.

Barra minn hekk, il-bidliet tal-2009 għall-Qafas tat-Telekomunikazzjoni introduċew pjattaforma għall-għoti ta' informazzjoni standardizzata ta' interess pubbliku għall-utenti kollha tal-internet. Peress li s-sigurtà tan-netwerks b'mod ġenerali - li hija ġid pubbliku - fl-aħħar mill-aħħar u fil-parti l-kbira tagħha tiddependi fuq l-azzjonijiet ta' utenti individwali u fuq kif jiproteġu t-tagħmir tagħhom mit-theddid, u meta jitqies ir-riskju għall-utenti individwali nfushom minn dak it-theddid, għandha tittieħed l-opportunità issa biex tibda titħaddem dik il-pjattaforma. L-Aġenzija tinsab f'qagħda tajba li tgħin lill-Istati Membri fil-produzzjoni tal-informazzjoni neċessarja li tkun tista' mbagħad titqassam lil utenti individwali.

Minbarra l-istudju, numru ta' sorsi oħra enfasizaw element ta' ambigwiżà rigward ir-rwol xieraq tal-Aġenzija. Jidher li hemm opinjonijiet diverġenti fost l-Istati Membri dwar dak li għandha tagħmel l-aġenzija skont l-istatut tagħha u dawn id-differenzi servew biex jikkumplikaw il-ħidma tal-aġenzija. Huwa importanti li l-ambitu, il-kompiti u l-objettivi tal-aġenzija jsiru aktar ċari biex nużaw bl-aħjar mod ir-riżorsi ta' valur tagħha. Filwaqt li wieħed jipprova jnaqqas l-ambigwiżajiet u jipprovdi definizzjoni ċara tar-rwoli tal-Aġenzija, huwa importanti li r-Regolament ma nagħmlux riġidu wisq.

Il-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni jinbidel tant malajr li dak li huwa xieraq bħalissa jaf ma jkunx xieraq fil-futur qarib, u l-aġenzija għandha għalhekk tingħata struttura maniġerjali b'element ta' flessibilità biex tkun tista' tadatta ruħha għal dan l-ambjent. Dan l-ambjent li jinbidel malajr għandu implikazzjonijiet ukoll għall-perjodu kemm iddum teżisti l-aġenzija. Ġie ssuġġerit regolarment li l-Aġenzija għandu jkollha perjodu mingħajr limitu ta' kemm iddum teżisti biex tingħata aktar ċertezza u effikaċja fl-ippjanar għal perjodi twal ta' żmien. Filwaqt li dawn huma argumenti sodi, l-esperjenza wriet li l-ewwel Regolament tal-Aġenzija kellu jiġi rieżaminat kemmxejn malajr biex wieħed żamm il-pass mal-iżviluppi. Mandat limitat fiż-żmien ifisser li rridu neżaminaw mill-ġdid regolarment jekk l-Aġenzija għadhiex tissodisfa l-objettivi tagħha u nagħgornawhom jekk ikun meħtieġ jew nagħlquha jekk ma tkunx għadha adattata biex tilħaq l-iskop tagħha.

Fl-aħħar nett, il-post fejn tinsab l-Aġenzija, f'Heraklion fuq il-gżira Griega ta' Kreta, kien kwistjoni kontroversjali. Filwaqt li avvanzi fit-teknoloġija għamluha aktar fattibbli li taħdem mill-bogħod, m'hemm xejn bħal laqgħat wiċċ' imbwiċċ. Numru ta' osservaturi enfasizzaw l-importanza tal-fiduċja f'din id-dinja, u wieħed jista' jgħid li huwa neċessarju li n-netwerks bejn il-persuni jsiru meta jkunu fil-preżenza ta' xulxin biex is-sigurtà tan-netwerks tiġi protetta aħjar. L-istatistika dwar l-ivvjaġġar tal-persunal tal-Aġenzija hija partikolarment allarmanti; kemm f'termini ta' spejjeż kif ukoll ta' ħin moħli fl-ivvjaġġar. Rieżami tal-istatistika tal-ivvjaġġar tal-Aġenzija waħidha jissuġġerixxi li Brussell ikun post ħafna aħjar minn kwalunkwe post ieħor. Bażi fi Brussell issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-aġenzija b'numru ta' modi,

bħall-għoti ta' reazzjoni għal talbiet urġenti tal-aħħar minuta minn istituzzjonijiet tal-UE, iż-żamma ta' networks ta' kuntatti ewlenin kif ukoll l-attendenza f'avvenimenti importanti u tiżgura wkoll li l-Aġenzija jkollha profil oġhla minn dak li huwa l-każ bħalissa.

Dan ir-Regolament, li jipprovdi għal aġenzija li formalment tiegħu post l-Aġenzija oriġinali kif stabbilita permezz tar-Regolament tal-2004, jipprovdi opportunità tajba biex jerġa' jiġi kkunsidrat mill-ġdid il-post fejn għandha tkun tinsab. Barra minn hekk, il-Parlament, peress li huwa koleġiżlatur, għandu jeżerċita b'mod ċar dik ir-responsabilità anke billi jkollu rwol fid-deċiżjoni dwar is-sede ta' korpi li jaqbel li jinħolqu, minflok ma jħalli l-kwistjoni biss għal patti bejn l-Istati Membri mingħajr dibattitu pubbliku. Ir-Rapporteur għalhekk jirrakkomanda li l-aġenzija tkun ibbażata Brussell.

16.6.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)
(COM(2010)0521 – C7-0302/2010 – 2010/0275(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Haug

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Regolament propost huwa maħsub biex isaħħaħ u jimmodernizza l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA), u biex jistabilixxi mandat ġdid għal perjodu ta' ħames snin. L-evalwazzjoni tal-mandat propost għall-ENISA jaqa' biss taħt il-kompetenza tal-Kumitat ITRE.

Elementi baġitarji tal-proposta

Bħala rimarka preliminari, billi l-mandat ġdid qiegħed teknikament jieħu l-forma ta' regolament kompletament ġdid għall-aġenzija, ir-Rapporteur jixtieq jenfasizza li d-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ma tippreżentax, kif ikun il-każ is-soltu, id-differenza bejn ir-riżorsi tas-sett ta' kompiti attwali u l-kompiti ġodda, iżda l-ammonti assoluti neċessarji għall-operat tal-aġenzija (fil-każ li r-regolament il-ġdid jiġi adottat kif propost mill-Kummissjoni).

Minn punt di vistà baġitarju, l-impatt baġitarju meta mqabbel mas-sett attwali ta' kompiti (referenza 2011) huwa ta' EUR 1 sa 1.5 miljun, u +4 membri tal-persunal (3 postijiet fuq il-pjan stabbilit u wieħed kuntrattwali). Ir-Rapporteur ma ssibx oġġezzjoni għal din iż-żieda moderata fl-aġenzija, aktar u aktar billi studji u analiżi preċedenti għandhom it-tendenza li juru li l-ENISA ma laħqitx il-massa kritika tagħha f'dik li hi struttura organizzazzjonali li jwassal għal konsegwenzi fuq l-abilità tagħha li jkollha impatt reali, bir-riżultat li proporzjon kbir wisq tar-riżorsi tagħha jiġu dedikati għal kompiti amministrattivi jew ta' appoġġ.

Min-naħa l-oħra, qabel ma jipproponi pożizzjoni finali dwar din il-proposta lill-Kumitati BUDG u ITRE, ir-Rapporteur għandha bżonn aktar infommazzjoni minħabba dan li ġej :

- Fil-Kummissjoni mistennija jiġu allokati 3.5 ekwivalenti full time biex ikopru l-aġenzija (442 000 EUR fis-sena). M'hemmx standards ta' referenza għas-sitwazzjoni attwali u lanqas ma hemmx xi spjegazzjoni għaliex hemm bżonn ta' aktar minn uffiċjal ta' kollegament wieħed, kif inhi l-prattika komuni.

L-allokkazzjonijiet finanzjarji skont l-għanijiet tal-aġenzija jirrigwardaw biss it-Titolu 3 (approprjazzjonijiet operazzjonali, jiġifieri madwar EUR 2.5 miljun) u mhux il-parti kbira tal-baġit tal-aġenzija (aktar minn 8 miljun għat-Titoli 1 u 2, persunal u amministrazzjoni). Dan jikkontradixxi l-prinċipji u l-metodoloġija tal-ABB, li skont dawn infeqa għall-persunal u l-amministrazzjoni wkoll għandhom jiġu allokati għall-kompiti u l-oġettivi.

Barra minn hekk, il-proposta hija ppreżentata bħala kompatibbli mal-MFF, iżda dan mhux lakemm jingħad (ukoll b'ammonti addizzjonali hekk limitati) meta l-istrument ta' flessibilità għadu kemm intuża għal madwar 34 miljun EUR taħt l-Intestatura 1a għall-2011. Għalhekk, hija partikolarment rilevanti t-twissija tas-soltu li kwalunkwe deċiżjoni baġitarja se titqies fil-kuntest tal-proċedura annwali tal-baġit.

Il-kwistjoni tas-sede

F'dak li jirrigwarda s-sede, attwalment f'Heraklion, ir-Rapporteur tixtieq tfakkar fl-ispiża ta' lokal hekk remot għall-operazzjoni tal-aġenzija, mhux biss mill-perspettiva finanzjarja, iżda wkoll f'termini ta' attrazzjoni għal persunal u aċċessibilità dgħajfa għal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija jew ta' partijiet oħra involuti. Skont studju estern tal-2009, din is-sede jingħad li kellha twassal għall-ogħla spiża għall-ivvjaġġar fost l-aġenziji kollha – kemm f'termini ta' spejjeż diretti ta' vvjaġġar, kif ukoll fiż-żmien meħud għall-ivvjaġġar. ENISA hija filfatt waħda mill-aktar aġenziji remoti f'dik li hi distanza minn Brussell. L-użanza li l-laqgħat isiru fil-bureau ta' Atene (li l-finanzjament għal dan (ukoll mill-Gvern Grieg, kien approvat fl-2008) f'dan ir-rigward hija t-tieni l-aħjar soluzzjoni, iżda huwa wkoll Prattika li tixxef l-iżvantaġġ tal-għażliet tal-Istati Membri ta' lokali mhux aċċessibbli għall-aġenziji tal-UE.

Elementi ġenerali oħrajn, inkluż il-grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar l-aġenziji

Ir-Rapporteur hija tal-opinjoni li l-progress fix-xogħlijiet tal-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali jagħmel ukoll possibli l-integrazzjoni tal-ewwel konklużjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet ta' governanza li jinsabu diġà fl-opinjoni attwali. Dawn il-konklużjonijiet diġà ġew approvati mit-tliet istituzzjonijiet fl-aħħar laqgħa tagħhom tat-23 ta' Marzu 2011. Dawn irriżultaw fl-emendi li ġejjin li jittrattaw:

- it-titjib tal-poteri ta' skrutinju tal-Parlament dwar l-istrateġija multi-annwali tal-aġenzija (opinjoni) u l-programm annwali tal-ħidma (preżentazzjoni),
- kompiti ta' monitoraġġ tax-xogħlijiet tal-Bord tat-Tmexxija u l-kompetenzi rispettivi meħtieġa tal-membri tagħha,
- it-twaqqif ta' Bord Eżekuttiv,
- il-prevenzjoni ta' kunflitti tal-interessi fi ħdan il-Bord tat-Tmexxija,
- l-istandardizzazzjoni tal-mandat tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija,
- l-istabbiliment ta' indikaturi biex jassessjaw speċifikament il-prestazzjoni tal-aġenzija,

Fl-aħħarnett, ir-Rapporteur temmen li tista' tkun meħtieġa aktar riflessjoni dwar it-tul tal-mandat tal-aġenzija (5 snin), kif ukoll dwar dak tal-iskadenza għall-evalwazzjoni tal-Aġenzija

(3 snin). Meta jitqies iż-żmien li hu meħtieġ sabiex l-aġenzija tibda għaddejja kif suppost biex twettaq il-kompiti tagħha, il-possibilità ta' estensjoni ta' tali sekwenza ta' żmien jista' jkun jisħoqqilha ftit aktar attenzjoni. Madankollu, dan għandu jaqa' taħt il-kompetenza unika tal-Kumitat ITRE.

Jista' wkoll jiġi investigat aktar għaliex ir-regolament ġdid ma jeskludix espliċitament, kif kien jagħmel r-Regolament (KE) Nru 460/2004, il-parteċipazzjoni tal-persunal tal-aġenzija jew il-membri tal-Bord tat-Tmexxija mill-gruppi ta' ħidma, kif previst fl-Artikolu 10, paragrafu 8, iżda jħalli dan pjuttost għar-regoli interni tal-operat tal-Aġenzija.

Ir-raġunament għal kull emenda proposta jinsab fil-ġustifikazzjonijiet.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' rizzoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jenfasizza li l-Punt 47 tal-tal-Ftehim Interistituzzjonali. tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda¹ għandu japplika għat-tiġdid tal-mandat tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni; jenfasizza li kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità leġislattiva favur tali tiġdid tkun bla ħsara għad-deċiżjonijiet tal-awtorità tal-baġit fil-kuntest tal-proċedura annwali tal-baġit;

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Ġustifikazzjoni

Biex itenni l-prerogattivi baġitarji tal-Parlament.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni u għall-iżvilupp ta' kultura ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-benefiċċju ta' -ċittadini, il-konsumaturi, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

Emenda

(11) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni u għall-iżvilupp ta' kultura ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-benefiċċju ta' -ċittadini, il-konsumaturi, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. ***F'dan ir-rigward, għandhom jiġu allokatil lill-Aġenzija d-dispożizzjonijiet baġitarji meħtieġa sabiex, sa tmiem it-tieni sena tal-mandat il-ġdid tagħha u wara li tkun ikkonsultat lill-partijiet interessati relevanti kollha, tkun tista' tipproponi analiżi komprensiva rigward it-tfassil ta' strateġija Ewropea ċara dwar is-sigurtà ċibernetika;***

Ġustifikazzjoni

Is-sigurtà ċibernetika hija qasam importanti u dinamiku ħafna li jikkonċerna l-ispettru kollu tas-soċjetà tagħna: l-industrija, iċ-ċittadini u l-gvernijiet. Peress li din il-kwestjoni orizzontali tinkludi għadd ta' aspetti sensitivi (attivitàjiet relatati mal-kriminalità, il-ħarsien ta' data finanzjarja u/jew personali, iż-żamma ta' data, il-ħarsien ta' infrastruttura ta' informazzjoni kritika u s-sigurtà tal-informazzjoni tan-netwerks), li kollha kemm huma jaqgħu fil-kompetenza diretta tal-ENISA, għandhom jiġu pprovduti dispożizzjonijiet finanzjarji għall-analiżi ta' kemm hija ppreparata l-UE sabiex tevita u/jew tirreaġixxi għal tali offiżi.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Sabiex ikun hemm garanzija tal-

Emenda

(35) Sabiex ikun hemm garanzija tal-

awtonomija u l-indipendenza sħiħa tal-Aġenzija, huwa meqjus neċessarju li din tingħata baġit awtonomu fejn id-dħul tagħha jiġi primarjament minn kontribuzzjoni mill-Unjoni u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li jkun qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija. L-Istat Membru ospitanti, jew kwalunkwe Stat Membru ieħor, għandu jitħalla jagħmel kontribuzzjonijiet volontarji għad-dħul tal-Aġenzija. Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni tibqa' applikabbli fir-rigward ta' kwalunkwe sussidji li jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Awdituri tagħmel il-verifika tal-kontijiet.

awtonomija u l-indipendenza sħiħa tal-Aġenzija ***u sabiex tingħata l-kapaċità li twettaq kompiti addizzjonali u ġodda***, huwa meqjus neċessarju li din tingħata baġit ***suffiċjenti u*** awtonomu fejn id-dħul tagħha jiġi primarjament minn kontribuzzjoni mill-Unjoni u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi li jkun qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-Aġenzija. L-Istat Membru ospitanti, jew kwalunkwe Stat Membru ieħor, għandu jitħalla jagħmel kontribuzzjonijiet volontarji għad-dħul tal-Aġenzija. Il-proċedura baġitarja tal-Unjoni tibqa' applikabbli fir-rigward ta' kwalunkwe sussidji li jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Qorti ***Ewropea*** tal-Awdituri għandha tagħmel il-verifika tal-kontijiet ***biex tiżgura aktar t-trasparenza u l-obbligu li jingħata rendikont.***

Ġustifikazzjoni

Tali kompiti miżjuda, kif spjegati fil-proposta tal-Kummissjoni, jespandu b'mod sinifikanti l-mandat tal-ENISA u se jkollhom impatt baġitarju li jeħtieġ li jittieħed kont tiegħu.

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaqdi dmirijietu rigward il-baġit tal-Aġenzija skont l-Artikoli 19 u 21 u jimmoniterja u jagħmel segwitu adegwat għal dak li jirriżulta u għar-rakkomandazzjonijiet li jhorġu mir-rapporti ta' verifika u evalwazzjonijiet varji, kemm interni kemm esterni;

Ġustifikazzjoni

Ir-responsabbiltajiet tal-Bord tat-Tmexxija rigward l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit għandu jkollhom ir-referenza espliċita bħala li huma kompitu tal-Bord tat-Tmexxija. Għal sjieda u segwitu aħjar tar-riżultati tal-verifiki u l-evalwazzjonijiet, il-Bord tat-Tmexxija, li d-

Direttur jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għandu jkun fdat espliċitament bil-monitoraġġ tagħhom (IWG).

Emenda 5

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-Bord tat-Tmexxija **jista'** jistabbilixxi **korpi ta' ħidma** komposti mill-membri tiegħu stess biex jgħinuh iwettaq il-kompiti tiegħu, inklużi t-tfassil tad-deċiżjonijiet tiegħu u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.

Emenda

8. Il-Bord tat-Tmexxija **għandu** jistabbilixxi **Bord Eżekuttiv** magħmul mill-membri tiegħu stess biex jgħinuh iwettaq il-kompiti tiegħu, inklużi t-tfassil tad-deċiżjonijiet tiegħu u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi stabbilit bord eżekuttiv bl-għan li jinforza s-superiżjoni tal-ġestjoni amministrattiva u baġitarja permezz tal-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija (IWG).

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-membri tal-Bord u s-supplenti tagħhom għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-livell tagħhom ta' esperjenza u kompetenza esperta rilevanti fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

Emenda

2. Il-membri tal-Bord u s-supplenti tagħhom għandhom jinħatru fuq il-bażi tal-livell tagħhom ta' esperjenza u kompetenza esperta rilevanti fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. **Huma għandhom ukoll ikollhom il-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji biex jissodisfaw il-kompiti elenkati fl-Artikolu 5.**

Membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu dikjarazzjoni bil-miktub tal-obbligi u dikjarazzjoni bil-miktub li tindika xi interess dirett jew indirett li jista' jitqies bħala ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom. Huma għandhom jiddikjaraw f'kull laqgħa kwalunkwe

interess li jista' jitqies bħala ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom rigward il-punti fuq l-aġenda u jastjenu milli jipparteċipaw fid-diskussjonijiet u l-votazzjonijiet dwar dawn il-punti.

Ġustifikazzjoni

Il-ħiliet tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom ikunu konformi mal-funzjonijiet li ġew assenjati lilhom. Minbarra dan, għandu jkun hemm dispożizzjoni bl-għan li tipprevjoni kull kunfliitt tal-interess u t-tul tal-mandat għandu jkun skont dak tal-aġenziji l-oħra (IWG).

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-mandat *tar-rappreżentanti tal-gruppi msemija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c)* għandu jkun ta' erba' snin. Dan il-mandat jista' jiġi estiż darba biss. Jekk rappreżentant iwaqqaf l-affiljazzjoni tiegħu/tagħha mal-grupp ta' interess rispettiv, il-Kummissjoni tista' taħtar sostitut.

Emenda

3. Il-mandat tal-*membri* Bord tat-Tmexxija għandu jkun ta' erba' snin. Dan il-mandat jista' jiġi estiż darba biss. Jekk rappreżentant iwaqqaf l-affiljazzjoni tiegħu/tagħha mal-grupp ta' interess rispettiv, il-Kummissjoni tista' taħtar sostitut.

Ġustifikazzjoni

Il-membri kollha tal-Bord għandhom ikollhom mandat tal-istess tul ta' żmien meta dawn jinħatru mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri. It-tul ta' mandat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri ma kienx speċifikat (IWG).

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 9 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Il-Bord Eżekuttiv

1. Għandu jiġi stabbilit Bord Eżekuttiv, magħmul minn membri tal-Bord tat-

Tmexxija li jinkludi żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni. Id-daqs tiegħu m'għandux ikun ta' aktar minn terz ta' dak tal-Bord tat-Tmexxija. Għandu jiltaqa' għallanqas kull erba' xhur.
2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkollu mandat formali ċar mill-Bord tat-Tmexxija. Il-kompiti tiegħu għandhom jinkludu monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija, it-trattament ta' kwistjonijiet amministrattivi u baġitarji f'isem il-Bord tat-Tmexxija, u l-preparazzjoni ta' deċiżjonijiet, programmi u attivitajiet li għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija. Il-Bord Eżekuttiv għandu jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tat-Tmexxija; f'dan il-kuntest, huwa għandu jissottometti rapport ta' attività għal kull laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija.

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi stabbilit bord eżekuttiv bl-għan li jinforza s-superiżjoni tal-ġestjoni amministrattiva u baġitarja permezz tal-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija (IWG).

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar u jitneħħa mill-Bord tat-Tmexxija. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin, fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll kompetenza u esperjenza speċifika. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija jista' jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu.

Emenda

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar u jitneħħa mill-Bord tat-Tmexxija. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin, fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll kompetenza u esperjenza speċifika. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija jista' jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu. ***Qabel ma ssir***

***kwalunkwe ħatra għandha tiġi
kkunsidrata kwalunkwe opinjoni ta' dak
il-kumitat .***

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun mgħarraf b'mod espliċitu li kull opinjoni mogħtija mil-Parlament dwar il-kandidat magħżul għandha tittieħed in kunsiderazzjoni qabel il-ħatra.

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jqis ir-rapport tal-evalwazzjoni u biss f'dawk il-każijiet fejn jista' jiġi ġġustifikat bid-doveri u r-rekwiżiti tal-Aġenzija, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal mhux aktar minn ***tlie*** snin.

Emenda

4. Il-Bord tat-Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jqis ir-rapport tal-evalwazzjoni u biss f'dawk il-każijiet fejn jista' jiġi ġġustifikat bid-doveri u r-rekwiżiti tal-Aġenzija, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għal mhux aktar minn ***ħames*** snin.

Ġustifikazzjoni

It-tiġdid tal-mandat tad-Direttur għandu jkun għall-istess perjodu ta' żmien bħall-ewwel mandat.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi organizzat skont il-prinċipju ta' Ġestjoni fuq Bażi tal-Attività (ABM). Il-programm ta' ħidma għandu jkun konformi mar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija u mal-baġit tal-Aġenzija għall-istess sena finanzjarja.

Emenda

4. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi organizzat skont il-prinċipju ta' Ġestjoni fuq Bażi tal-Attività (ABM) ***b'indikazzjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji mistennija li jkunu allokat għal kull attività. Għal dan il-għan, huwa għandu jstabilixxi, bi qbil mal-Kummissjoni, indikaturi ta' prestazzjoni speċifiċi li jippermettu l-evalwazzjoni effettiva tar-risultati miksuba. Il-programm ta' ħidma għandu***

jinkludi l-aspetti virtwali kif ukoll daww mhux virtwali tal-operazzjonijiet, l-attivitajiet u l-impenji tal-Aġenzija. Il-programm ta' ħidma għandu jkun konformi mar-rendikont tal-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija u mal-baġit tal-Aġenzija għall-istess sena finanzjarja.

Ġustifikazzjoni

Konformi mal-prinċipji ta' Ġestjoni bbażata fuq l-Attività u Bbaġittjar ibbażat fuq l-Attività, (ABM-ABB), il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija u r-rapport annwali tal-attività għandu jipprovdi informazzjoni dwar ir-riżorsi allokat għal attivitajiet li huma neċessarji biex jilħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija u dwar il-prestazzjoni ġenerali biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi (IWG).

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu, wara l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, jgħaddi l-programm ta' ħidma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u jipubblikah.

Emenda

5. Id-Direttur Eżekuttiv għandu, wara l-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija, jgħaddi l-programm ta' ħidma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u jipubblikah. ***Huwa għandu jwieġeb b'mod pożittiv għal kull stedina mill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew biex jippreżenta u jagħmel skambju ta' ideat dwar il-programm annwali ta' ħidma.***

Ġustifikazzjoni

Dan għandu l-għan li jifformalizza l-prattika li jkun hemm skambju ta' ideat bejn id-Direttur u l-kumitat kompetenti dwar il-programm annwali ta' ħidma.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Id-Direttur Eżekuttiv għandu

jipprepara l-istrateġija multiannwali tal-Aġenzija u jressaqha quddiem il-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni tal-anqas tmien ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija rilevanti;

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li jiddaħħal b'mod fiss fir-regolament li l-Parlament għandu jiġi konsultat għall-adozzjoni tal-istrateġija multiannwali tal-aġenziji (IWG).

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija abbozz ta' rapport ġenerali li jkopri l-attivitajiet kollha tal-Aġenzija fis-sena ta' qabel.

Emenda

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti lill-Bord tat-Tmexxija abbozz ta' rapport ġenerali li jkopri l-attivitajiet kollha tal-Aġenzija fis-sena ta' qabel. ***Dak ir-rapport ġenerali għandu jinkludi indikaturi ta' prestazzjoni speċifiċi sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni effettiva tar-risultati miksuba.***

Ġustifikazzjoni

Konformi mal-prinċipji ta' Ġestjoni bbażata fuq l-Attività u Bbaġittjar ibbażat fuq l-Attività, (ABM-ABB), il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija u r-rapport annwali tal-attività għandu jipprovdi informazzjoni dwar ir-risorsi allokat li għal attivitajiet li huma neċessarji biex jilħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija u dwar il-prestazzjoni ġenerali biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi (IWG).

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fi żmien tliet snin mid-data tat-twaqqif imsemmija fl-Artikolu 34, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha

Emenda

1. Fi żmien tliet snin mid-data tat-twaqqif imsemmija fl-Artikolu 34, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha, għandha

tagħmel evalwazzjoni fuq il-bażi tat-termini ta' referenza miftiehma mal-Bord tat-Tmexxija. L-evalwazzjoni għandha tevalwa l-impatt u l-effettività tal-Aġenzija fl-ilħuq tal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2, u l-effettività tal-prassi ta' ħidma tal-Aġenzija. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-evalwazzjoni b'mod partikolari biex tiddetermina jekk l-Aġenzija għadhiex strument effettiv u jekk it-tul ta' żmien tal-Aġenzija għandux jiġi estiż aktar mill-perjodu speċifikat **fl-Artikolu 34**.

tagħmel evalwazzjoni fuq il-bażi tat-termini ta' referenza miftiehma mal-Bord tat-Tmexxija. L-evalwazzjoni għandha tevalwa l-impatt u l-effettività tal-Aġenzija fl-ilħuq tal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2, u l-effettività tal-prassi ta' ħidma tal-Aġenzija. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-evalwazzjoni b'mod partikolari biex tiddetermina jekk l-Aġenzija għadhiex strument effettiv u jekk it-tul ta' żmien tal-Aġenzija għandux jiġi estiż aktar mill-perjodu speċifikat **fl-Artikolu 33**.

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni ta' referenza ħażina.

PROĊEDURA

Titolu	L–Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)
Referenzi	COM(2010)0521 – C7-0302/2010 – 2010/0275(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 19.10.2010
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 19.10.2010
Rapporteur Data tal-ħatra	Jutta Haug 20.10.2010
Data tal-adozzjoni	15.6.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Damien Abad, Alexander Alvaro, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Lajos Bokros, Andrea Cozzolino, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Estelle Grelier, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Nadezhda Neynsky, Miguel Portas, László Surján, Helga Trüpel, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Frédéric Daerden, Edit Herczog, Jan Mulder, María Muñiz De Urquiza

11.10.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) (COM(2010)0521 – C7-0302/2010 – 2010/0275(COD))

Relatur Alexander Alvaro

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni jiffurmaw parti integrali tal-ħajja pubblika u privata fl-Ewropa.

Fid-dawl tal-importanza tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni, abbażi tal-esperjenza miksuba u l-isfidi transkonfinali li dejjem qed jikbru f'dan il-qasam, jeħtieġ li l-mandat u r-riżorsi tal-ENISA jżiedu biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u l-protezzjoni tad-dejta.

Għal dan il-għan, minbarra l-proposta tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi sistema ta' twissija bikrija, tiġbor, tanalizza u tikkoordina ksur ta' privatezza u sigurtà tad-dejta u tikkoopera iktar mill-qrib mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji fuq talba tagħhom jew bl-inizjattiva tagħha stess.

Barra minn hekk, sabiex tkun żgurata trasparenza sħiħa, għandha tissaħħaħ is-sorveljanza demokratika tal-Aġenzija.

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi huma fattur essenzjali fl-iżvilupp ekonomiku u tas-soċjetà. Dawn għandhom irwol vitali għas-soċjetà u saru servizzi li ssibhom kullimkien bl-istess mod bħalma huma l-provvisti tad-dawl u l-ilma. L-interruzzjoni tagħhom għandha l-potenzjal li tikkawża dannu ekonomiku konsiderevoli, u din tenfasizza l-importanza tal-miżuri biex tiżdied il-protezzjoni u r-reżistenza bl-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi kritiċi. Is-sigurtà tal-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi, b'mod partikolari l-integrità u d-disponibbiltà tagħhom, qed tiffaċċja sfidi li qed jespandu kontinwament. Dan huwa ta' tħassib dejjem akbar għas-soċjetà mhux l-inqas minħabba l-possibbiltà ta' problemi dovuti għall-kumplessità tas-sistema, l-inċidenti, l-iżbalji u l-attakki li jista' jkollhom konsegwenzi fuq l-infrastruttura fiżika li tipprovdi servizzi li huma kritiċi għall-benesseri taċ-ċittadini Ewropej.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill Ewropew fit-13 ta' Diċembru 2003, iddeċidew li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) li kellha tiġi stabbilita abbażi tal-proposta mressqa mill-Kummissjoni, għandu jkollha s-sede tagħha frahal fil-Greċja li għandu jiġi ddeterminat mill-Gvern Grieg.

Emenda

(1) Il-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi huma fattur essenzjali fl-iżvilupp ekonomiku u tas-soċjetà. Dawn għandhom irwol vitali għas-soċjetà u saru servizzi li ssibhom kullimkien bl-istess mod bħalma huma l-provvisti tad-dawl u l-ilma. L-interruzzjoni tagħhom għandha l-potenzjal li tikkawża dannu ekonomiku **u soċjali** konsiderevoli, u din tenfasizza l-importanza tal-miżuri biex tiżdied il-protezzjoni u r-reżistenza bl-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi kritiċi. Is-sigurtà tal-komunikazzjoni, l-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi, b'mod partikolari l-integrità u d-disponibbiltà tagħhom, qed tiffaċċja sfidi li qed jespandu kontinwament. Dan huwa ta' tħassib dejjem akbar għas-soċjetà mhux l-inqas minħabba l-possibbiltà ta' problemi dovuti għall-kumplessità tas-sistema, l-inċidenti, l-iżbalji u l-attakki li jista' jkollhom konsegwenzi fuq l-infrastruttura fiżika li tipprovdi servizzi li huma kritiċi għall-benesseri taċ-ċittadini Ewropej.

Emenda

(4) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill Ewropew fit-13 ta' Diċembru 2003, iddeċidew li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) li kellha tiġi stabbilita abbażi tal-proposta mressqa mill-Kummissjoni, għandu jkollha s-sede tagħha frahal fil-Greċja li għandu jiġi ddeterminat mill-Gvern Grieg. **Is-sede**

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-miżuri tas-suq intern fil-qasam tas-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika, u b'mod aktar ġenerali, is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni jeħtieġu forom differenti ta' applikazzjonijiet tekniċi u organizzattivi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-applikazzjoni eteroġena ta' dawn ir-rekwiżiti tista' twassal għal ineffiċjenzi u tista' toħloq ostakli fis-suq intern. Dan jitlob għal ċentru ta' kompetenza esperta f'livell Ewropew li jipprovdi gwida, konsulenza, u meta meħtieġ, assistenza dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, li fuqu jkunu jistgħu jiddependu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej . L-Aġenzija tista' tilqa' għal dawn il-ħtiġijiet billi tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' kompetenza esperta u tgħin lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, u bħala konsegwenza ta' dan, lill-komunità kummerċjali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u regolatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti

Emenda

(7) Il-miżuri tas-suq intern fil-qasam tas-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika, u b'mod aktar ġenerali, is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni jeħtieġu forom differenti ta' applikazzjonijiet tekniċi u organizzattivi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-applikazzjoni eteroġena ta' dawn ir-rekwiżiti tista' twassal għal ineffiċjenzi u tista' toħloq ostakli fis-suq intern. Dan jitlob għal ċentru ta' kompetenza esperta f'livell Ewropew li jipprovdi gwida, konsulenza, u meta meħtieġ, assistenza dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, li fuqu jkunu jistgħu jiddependu l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej . L-Aġenzija tista' tilqa' għal dawn il-ħtiġijiet billi tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' kompetenza esperta u tgħin lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, u bħala konsegwenza ta' dan, lill-komunità kummerċjali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u regolatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, ***u biex jiddeterminaw u jindirizzaw il-kwistjonijiet tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni***, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Emenda

(8) L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti

mogħtija lilha b' din il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika, u b' mod ġenerali, tikkontribwixxi għal livell imtejjeb tas-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika, billi, fost oħrajn, tipprowdi kompetenza esperta u konsulenza, u tippromwovi l-iskambju ta' prassi tajba.

mogħtija lilha b' din il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika, u b' mod ġenerali, tikkontribwixxi għal livell imtejjeb tas-sigurtà tal-komunikazzjoni elettronika **kif ukoll il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali**, billi, fost oħrajn, tipprowdi kompetenza esperta u konsulenza, u tippromwovi l-iskambju ta' prassi tajba. **Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi fiduċja permezz tal-indipendenza tagħha, il-kwalità tal-konsulenza li toffri u l-informazzjoni li xxerred, kif ukoll it-trasparenza tal-proċeduri u l-metodi tal-operat tagħha.**

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni u għall-iżvilupp ta' kultura ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-konsumaturi, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

Emenda

(11) L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni, **għal protezzjoni aħjar tal-privatezza u d-dejta personali**, u għall-iżvilupp ta' kultura ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini, il-konsumaturi, l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku fl-Unjoni Ewropea, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Għandu jkun hemm sett ta' kompiti li juri kif l-Aġenzija għandha tilħaq l-oġettivi tagħha filwaqt li jippermetti flessibilità fl-attivitajiet tagħha. Il-kompiti

Emenda

(12) Għandu jkun hemm sett ta' kompiti li juri kif l-Aġenzija għandha tilħaq l-oġettivi tagħha filwaqt li jippermetti flessibilità fl-attivitajiet tagħha. Il-kompiti

mwettqa mill-Aġenzija għandhom jinkludu l-ġbir tal-informazzjoni u d-dejta xierqa meħtieġa biex tagħmel analiżi tar-riskji għas-sigurtà u r-reżistenza tal-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi, u biex tevalwa b'koperazzjoni mal-Istati Membri l-qagħda tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa. L-Aġenzija għandha tiżgura l-koordinazzjoni mal-Istati Membri u ttejjeb il-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati fl-Ewropa, b'mod partikolari billi tinvolvi fl-attivitajiet tagħha l-korpi nazzjonali kompetenti u esperti tas-settur privat fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. L-Aġenzija għandha tipprovdi għajjnuna lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fid-djalogu tagħhom mal-industrija biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mas-sigurtà fi prodotti tal-ħardwer u s-softwer, biex b'hekk tikkontribwixxi għal approċċ kollaborattiv tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

mwettqa mill-Aġenzija għandhom jinkludu l-ġbir tal-informazzjoni u d-dejta xierqa meħtieġa biex tagħmel analiżi tar-riskji għas-sigurtà u r-reżistenza tal-infrastruttura u s-servizzi elettroniċi, u biex tevalwa b'koperazzjoni mal-Istati Membri l-qagħda tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa. L-Aġenzija għandha tiżgura l-koordinazzjoni mal-Istati Membri u ttejjeb il-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati fl-Ewropa, b'mod partikolari billi tinvolvi fl-attivitajiet tagħha l-korpi nazzjonali kompetenti u esperti tas-settur privat fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni. L-Aġenzija għandha tipprovdi għajjnuna ***lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni*** u lill-Istati Membri fid-djalogu tagħhom mal-industrija biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mas-sigurtà fi prodotti tal-ħardwer u s-softwer, biex b'hekk tikkontribwixxi għal approċċ kollaborattiv tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni.

Emenda

(14a) L-Aġenzija għandha tappoġġja Forum Ewropew tal-Istati Membri (EFMS) maħsub biex irawwem diskussjoni u skambju dwar prassi ta' politika tajba, bil-għan li jkun hemm skambju ta' objettivi u ta' prijoritajiet tal-politika dwar is-sigurtà u r-reżistenza tal-infrastruttura tal-ICT, u jkollu rwol iktar attiv fix-xogħol tagħha.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) L-Aġenzija għandha tiffaċilita l-koperazzjoni fost **il-korpi pubbliċi** kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari b'appoġġ għall-iżvilupp u l-iskambju ta' prassi tajba u ta' standards għal programmi edukattivi u skemi biex titqajjem kuxjenza. Din l-azzjoni tkun iffaċilitata permezz ta' aktar skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. L-Aġenzija għandha wkoll tappoġġja l-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fil-livell tal-Unjoni, parzjalment permezz tal-promozzjoni tal-qsim ta' informazzjoni, ta' kampanji biex titqajjem kuxjenza u ta' programmi edukattivi u taħriġ.

Emenda

(20) L-Aġenzija għandha tiffaċilita l-koperazzjoni fost **l-awtoritajiet regolatorji indipendenti** kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari b'appoġġ għall-iżvilupp u l-iskambju ta' prassi tajba u ta' standards għal programmi edukattivi u skemi biex titqajjem kuxjenza. Din l-azzjoni tkun iffaċilitata permezz ta' aktar skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. L-Aġenzija għandha wkoll tappoġġja l-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fil-livell tal-Unjoni, parzjalment permezz tal-promozzjoni tal-qsim ta' informazzjoni, ta' kampanji biex titqajjem kuxjenza u ta' programmi edukattivi u taħriġ.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 23 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23a) L-Aġenzija għandha thegħeġ lill-Istati Membri u lill-fornituri tas-servizzi biex itellgħu l-istandards tas-sigurtà ġenerali sabiex l-utenti kollha tal-Internet jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw is-sigurtà ċibernetika personali tagħhom stess.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25) Biex tiżgura li tilħaq b'mod sħiħ l-oġettivi tagħha, l-Aġenzija għandha tikkoordina mal-korpi tal-infurzar tal-liġi u

(25) Biex tiżgura li tilħaq b'mod sħiħ l-oġettivi tagħha, l-Aġenzija għandha tikkoordina **u tikkoopera** mal-korpi tal-

l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-privatezza biex tenfasizza u tindirizza kif suppost l-aspetti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika. Ir-rappreżentanti ta' dawn l-awtoritajiet għandhom isiru partijiet interessati sħaħ tal-Aġenzija u għandhom ikunu rrapreżentati fil-Grupp tal-Partijiet Interessati Permanenti tal-Aġenzija.

infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-privatezza **u tad-dejta personali** biex tenfasizza u tindirizza kif suppost l-aspetti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika **u l-protezzjoni tad-dejta personali**. Ir-rappreżentanti ta' dawn l-awtoritajiet għandhom isiru partijiet interessati sħaħ tal-Aġenzija u għandhom ikunu rrapreżentati fil-Grupp tal-Partijiet Interessati Permanenti tal-Aġenzija.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) L-eżerċitar tal-ħidmiet tal-Aġenzija għandhom isaħħu u mhux suppost li għandu jfixxkel il-kompetenzi u ma għandux joħloq preġudizzji jew jikkoinċidi mal-poteri rilevanti u l-ħidmiet mogħtija lil: It-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija m'għandux jinterferixxi mal-kompetenzi jew jostakola, jimpedixxi jew jirkebb il-poteri rilevanti u l-ħidmiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kif stabbilit fid-Direttivi relatati man-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, kif ukoll il-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) stabbilit bir-Regolament 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u l-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet msemmi fid-Direttiva 2002/21/KE, il-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni, il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni u l-Kumitat Permanenti kif stipulat fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-forniment ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-Istati

Emenda

(27) L-eżerċitar tal-ħidmiet tal-Aġenzija għandhom isaħħu u mhux suppost li għandu jfixxkel il-kompetenzi u ma għandux joħloq preġudizzji jew jikkoinċidi mal-poteri rilevanti u l-ħidmiet mogħtija lil: It-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija m'għandux jinterferixxi mal-kompetenzi jew jostakola, jimpedixxi jew jirkebb il-poteri rilevanti u l-ħidmiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kif stabbilit fid-Direttivi relatati man-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, kif ukoll il-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) stabbilit bir-Regolament 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill u l-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet msemmi fid-Direttiva 2002/21/KE, il-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni, il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni u l-Kumitat Permanenti kif stipulat fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-forniment ta' informazzjoni fil-qasam ta' standards u regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika u l-awtoritajiet **indipendenti** ta' sorveljanza

Membri relatati mal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' din id-data.

tal-Istati Membri relatati mal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u regolatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fil-leġiżlazzjoni preżenti u futura tal-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Emenda

1. L-Aġenzija tassisti lill-Kummissjoni, ***lill-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni*** u lill-Istati Membri biex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u regolatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, ***kif ukoll il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali***, fil-leġiżlazzjoni preżenti u futura tal-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Aġenzija għandha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni u sigurtà tad-dejta.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Tgħin lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, fl-iżvilupp ta' politika dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni billi ttiprovdiha b'konsulenza u opinjonijiet u b'analiżi teknika u soċjoekonomika, u

(a) Tgħin lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, fl-iżvilupp ta' politika dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni billi ttiprovdiha b'konsulenza u opinjonijiet u b'analiżi teknika, ***legali*** u soċjoekonomika,

b'xogħol ta' tħejjija għall-iżvilupp u l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

u b'xogħol ta' tħejjija għall-iżvilupp u l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, ***kif ukoll il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali, b'referenza partikolari għall-aspetti onlajn;***

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Tiffaċilita *l-koperazzjoni* fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u *l-Kummissjoni* fl-isforzi tagħhom ***b'dimensjoni transkonfinali biex jimpedixxu***, jidentifikaw u jirrispondu għal inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

Emenda

(b) Tiffaċilita *l-kooperazzjoni* fost l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u *l-istituzzjonijiet tal-Unjoni*, ***fuq talba tagħhom jew bl-inizjattiva tagħha stess***, fl-isforzi tagħhom biex ***jipprevjenu***, jidentifikaw u jirrispondu għal inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni ***fejn dan ikollu impatt bejn il-fruntieri***;

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Tassisti lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej fl-isforzi tagħhom biex jiġbru, janalizzaw u jqassmu dejta dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

Emenda

(c) Tassisti lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, ***fuq talba tagħhom jew bl-inizjattiva tagħha stess***, fl-isforzi tagħhom biex jiġbru, janalizzaw u jqassmu dejta dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ***Tevalwa regolarment, b'koperazzjoni mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej, il-qagħda tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Ewropa;***

Emenda

(d) ***Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, u mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali b'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jinżamm l-għarfien dwar il-qagħda l-iktar riċenti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni;***

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) Tappoġġja l-koperazzjoni fost il-korpi pubbliċi kompetenti ***fl-Ewropa, b'mod partikolari b'appaġġ għall-isforzi*** tagħhom biex jiżviluppaw u jiskambjaw prassi u ***standards tajbin;***

Emenda

(e) Tappoġġja l-koperazzjoni fost il-korpi pubbliċi kompetenti ***u bejn il-partijiet interessati pubbliċi u privati fl-Unjoni, fuq talba*** tagħhom ***jew bl-inizjattiva tagħha stess, billi tiffaċilita d-djalogu u l-isforzi*** biex jiżviluppaw u jiskambjaw prassi ***tajbin, u tippromwovi u tiżgura l-indipendenza sħiħa tagħhom, tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni u tqajjem kuxjenza, u tiffaċilita l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-istandards Ewropej u dawk internazzjonali għall-ġestjoni tar-riskji u għas-sigurtà ta' prodotti, netwerks u servizzi elettroniċi;***

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) ***Tappoġġja lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, fuq talba***

tagghom jew bl-inizjattiva tagħha stess, bl-għarfien espert fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika u rispons għal inċidenti ċibernetiċi;

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(faa) Tappoġġa lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, fuq talba tagħhom jew bl-inizjattiva tagħha stess, bl-għarfien espert fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika u rispons għal inċidenti ċibernetiċi. Madankollu l-Aġenzija m'għandhiex tiftaħ investigazzjonijiet kriminali speċifiċi u m'għandhiex tintalab ta' spiss biex tipprovi għajnuna operattiva lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, bħall-investigazzjonijiet tal-kriminalità ċibernetika jew il-forensika fil-kompjuters;

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fc) Tippromwovi prattiki tajbin b'rabta mas-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta permezz tal-applikazzjoni interna tal-proċeduri ta' sigurtà l-iktar effikaċi u avvanzati u l-metodi ta' tħaddim tagħhom, filwaqt li jiġi minimizzat kemm jista' jkun l-impatt fuq il-privatezza u taġixxi bħala punt ta' referenza fl-implimentazzjoni prattika tal-aqwa tekniki disponibbli fil-qasam tas-sigurtà;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Tgħin, **fuq talba tagħhom, lill-Istati Membri u** lill-istituzzjonijiet u l-korpi **Ewropej** fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw **politika u kapaċità għas-sejba**, l-analiżi u r-rispons tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

Emenda

(i) Tgħin lill-istituzzjonijiet u l-korpi **tal-Unjoni stabbiliti permezz tal-liġi tal-Unjoni** fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw **il-kapaċità għall-prevenzjoni, is-sejba**, l-analiżi u r-rispons tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) Twettaq il-kompiti mogħtija lill-Aġenzija permezz tal-atti leġislattivi tal-Unjoni.

Emenda

(k) Twettaq il-kompiti mogħtija lill-Aġenzija permezz tal-atti leġislattivi tal-Unjoni, **kif adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.**

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

Timijiet ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters (CERTs)

1. L-Aġenzija għandha tappoġġja lill-Istat Membri u s-CERTs fil-livell tal-Unjoni u l-ħolqien u l-operat ta' netwerk ta' CERTs nazzjonali u tal-Unjoni, inklużi l-membri tal-Grupp Ewropew tas-CERTs Governattivi. Bħala appoġġ biex jiġi żgurat li kull CERT nazzjonali u tal-Unjoni jkollha biżżejjed ħiliet avanzati u li dawk il-kapaċitajiet jikkorrispondu

kemm hu possibli mal-kapaċitajiet tal-aktar CERTs avvanzati, l-Aġenzija għandha tassisti fl-istabbiliment tal-limiti gwida tat-timijiet u għalhekk għandha tippromwovi d-djalogu u l-iskambju tal-informazzjoni u tal-aħjar Prattiki bejn is-CERTs u l-Grupp Ewropew tas-CERTs Governattivi. L-Aġenzija għandha tippromwovi u tappoġġja l-kooperazzjoni bejn is-CERTs nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti f'każ ta' inċidenti li jinvolvu jew li potenzjalment jinvolvu bosta minnhom.

2. L-Aġenzija għandha tiffaċilita l-kuntatti u l-iskambji ta' informazzjoni u l-aħjar Prattiki ma' CERTs statali u CERTs oħrajn rilevanti, gruppi u fora f'pajjiżi terzi.

3. L-Aġenzija għandha tiffunzjona bħala l-korp ta' koordinazzjoni tas-CERTs tal-UE.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija għandu jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet minn membri tal-kumitati. Wara din id-dikjarazzjoni, il-Parlament Ewropew għandu jadotta opinjoni li tagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-kandidat magħżul. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bil-mod li bih ikun ittieħed kont ta' dik l-opinjoni.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar u jitneħħa mill-Bord tat-Tmexxija. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin, fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll kompetenza u esperjenza speċifika. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija **jista'** jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet **mill-membri** tiegħu.

Emenda

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar u jitneħħa mill-Bord tat-Tmexxija. Il-ħatra għandha ssir minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin, fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll kompetenza u esperjenza speċifika. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija **għandu** jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet **minn membri tal-kumitati. Wara din id-dikjarazzjoni, il-Parlament Ewropew għandu jadotta opinjoni li tagħti l-opinjoni** tiegħu **dwar il-kandidat magħżul. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bil-mod li bih ikun ittieħed kont tal-opinjoni.**

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu/tagħha, id-Direttur Eżekuttiv **jista'** jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu.

Emenda

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu/tagħha, id-Direttur Eżekuttiv **għandu** jiġi mistieden biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament u jwieġeb mistoqsijiet mill-membri tiegħu.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jwaqqaf Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, magħmul minn esperti li jirrappreżentaw il-partijiet interessati rilevanti, bħall-industrija tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, gruppi tal-konsumatur, esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-protezzjoni ***tal-privatezza***.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jwaqqaf Grupp ta' Partijiet Interessati Permanenti fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, magħmul minn esperti li jirrappreżentaw il-partijiet interessati rilevanti, bħall-industrija tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, gruppi tal-konsumatur, esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-protezzjoni ***tad-dejta***.

Emenda

1a. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jstabbilixxi miżuri għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 mill-Aġenzija, inklużi dawk dwar l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Aġenzija.

PROCĊEDURA

Titolu	L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni (ENISA)		
Referenzi	COM(2010)0521 – C7-0302/2010 – 2010/0275(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 19.10.2010		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 19.10.2010		
Rapporteur Data tal-ħatra	Alexander Alvaro 9.12.2010		
Eżami fil-kumitat	24.5.2011	19.9.2011	11.10.2011
Data tal-adozzjoni	11.10.2011		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48	–: 1	0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Sonia Alfano, Alexander Alvaro, Roberta Angelilli, Viliija Blinkevičiūtė, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Simon Busuttil, Carlos Coelho, Rosario Crocetta, H��l��ne Flautre, Kinga G��l, Kinga G��ncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Sophia in 't Veld, L��via J��r��ka, Teresa Jim��nez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando L��peż Aguilar, Monica Luisa Macovei, V��ronique Mathieu, Nuno Melo, Claude Moraes, Jan Mulder, Antigoni Papadopoulou, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero L��peż, Birgit Sippel, Csaba S��ġor, Renate Sommer, Rui Tavares, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp, Axel Voss, Tatjana ��danoka, Auke Zijlstra		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Anna Maria Corazza Bildt, Cornelis de Jong, Dimitrios Droutsas, Ioan Enciu, Nadja Hirsch, ��d��m K��sa, Hubert Pirker, Bogus��aw Sonik, Cecilia Wikstr��m		

PROĊEDURA

Titolu	L–Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA)			
Referenzi	COM(2010)0521 – C7-0302/2010 – 2010/0275(COD)			
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	30.9.2010			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 19.10.2010			
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 19.10.2010	IMCO 19.10.2010	LIBE 19.10.2010	
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	IMCO 11.10.2010			
Rapporteur Data tal-ħatra	Giles Chichester 10.11.2010			
Eżami fil-kumitat	27.1.2011	31.3.2011	5.10.2011	20.10.2011
Data tal-adozzjoni	20.2.2013			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	48 2 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Zigmantas Balčytis, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Béla Kovács, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Paul Rübig, Amalia Sartori, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Marita Ulvskog, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioan Enciu, Satu Hassi, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Seán Kelly, Bernd Lange, Marian-Jean Marinescu, Zofija Mazej Kukovič, Pavel Poc, Vladimír Remek, Algirdas Saudargas, Silvia-Adriana Țicău			
Data tat-tressiq	28.2.2013			